# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' April 2016**

**Numru 1**

**Rikors numru 2/09 JRM**

**Bernard Gauci f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' huh imsiefer l-Avukat Gotthard Gauci; Sylvia Gauci mart Francis Sciberras, minnu legalment separata; Nutar Dottor Rosella Sciberras, ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefra tabiba Dottor Patricia Stewart; Ann armla minn Anthony Tabone u Susan mart Joseph Sullivan, Jane, xebba, u Rebecca mart Riccardo Baldacchino, minnu legalment separata, ilkoll ahwa Tabone; Mary armla minn Ronald Parker; Norah mart Peter Corcoran; Elizabeth mart Peter Tabone; Edward Tabone; John Tabone; Joseph Tabone; Mary mart Paul Muscat; Anthony Grima; Mary Rose mart Andrew Farrugia; Joseph Grima; Mary Anne mart Gordon Valentino; Josephine mart Joseph Xuereb; Maria Dolores sive Doris mart Paul Fenech, f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefra Victoria mart Henry Sturcke; u Joseph Carmel sive Charles u John, ahwa Grima; u b'digriet tal-11 ta' Novembru, 2010, l-atti ghaddew fil-persuna ta' Theresa armla minn Carmel Grima, Sharon Marie Cutajar, Sonia Stewart, u Sarah Grima, wara l-mewt tar-rikorrent Carmel Grima fil-mori tal-kawza; u b'digriet tal-14 ta' Mejju, 2015, Manuela sive Lily Bonnici assumiet l-atti tal-kawza flimkien mar-rikorrenti l-ohrajn.**

**v.**

**Il-Kummissarju Tal-Artijiet, is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Finanzi, Ekonomija u Investiment; u l-Avukat Generali, ghal kull interess li jista' jkollu**

**Preliminari**

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed intavolat mill-atturi u l-iehor intavolat mill-konvenuti, minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Mejju, 2015, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi: **[1]** laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati u sabet li kemm is-Segretarju Permanenti intimat u kif ukoll l-intimat Avukat Generali ma humiex il-kontraditturi legittimi tal-azzjoni attrici u helsithom milli jibqghu fil-kawza, bi spejjez ghar-rikorrenti; **[2]** cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet fil-mertu billi mhumiex misthoqqa fil-fatt u fid-dritt; **[3]** laqghet l-ewwel talba tar-rikorrenti u sabet li, bit-tehid tal-art taghhom tal-kejl ta' tmien mija u disgha u sebghin qasba kwadra (879q2) li tinsab fil-bajja tal-Mellieha, liema art kienet ittiehdet ghal skop pubbliku u b'xiri assolut permezz tad-Dikjarazzjonijiet tas-6 ta' Frar, 1957, u tat-23 ta' Gunju, 2006, huma garrbu ksur tal-jedd taghhom kif imhares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni safejn dan jirrigwarda z-zmien mehud biex l-istess rikorrenti jinghataw il-kumpens misthoqq ghall-imsemmi tehid; izda ma laqghetx l-ewwel talba safejn trid li jinstab li t-tehid ma sarx ghal ghan pubbliku jew fl-interess pubbliku, jew fejn l-ilment jirrigwarda l-ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; **[4]** laqghet it-tieni talba tar-rikorrenti billi ordnat li l-intimat Kummissarju tal-Artijiet fi zmien erba' (4) xhur minn

mindu s-sentenza appellata issir finali jaghmel dak li ghandu jsir biex jintemmu l-proceduri ghall-kisba tal-art mehuda minghand ir-rikorrenti b'titolu assolut kif iridu d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta; **[5]** laqghet it-tielet talba tar-rikorrenti billi ikkundannat lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet ihallas lir-rikorrenti solidalment bejniethom b'kumpens morali minhabba l-ksur tal-jedd fuq imsemmi, u bla hsara ghal kull rimedju iehor li huma jista' jkollhom skont il-ligi, is-somma ta' ghoxrin elf euro (€20,000); u **[6]** ordnat li l-intimat Kummissarju tal-Artijiet ihallas l-ispejjez tal-kawza minbarra dawk marbutin mal-intimati Avukat Generali u Segretarju Permanenti liema spejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**<u>Ir-Rikors Promotorju tal-Atturi</u>**

2. Permezz tar-rikors promotorju taghhom tat-12 ta' Jannar 2009, l-atturi talbu lil din il-Qorti: **[1]** tiddikjara illi t-tehid tal-art in kwestjoni mill-intimati jew min minnhom, u l-uzu tal-istess mill-intimati jew min minnhom, jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif spjegat fir-rikors promotorju taghhom, kif imharsa mill-Artikoli 32(a) u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea inkorporat fil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta; **[2]** taghti dawk id-direttivi u ordnijiet opportuni sabiex jitharsu dawk id-drittijiet, inkluz izda mhux biss li tigi rilaxxata din l-art a favur tal-istess esponenti, hielsa minn kull

okkupazzjoni ta' kwalunkwe xorta; **[3]** tordna lill-istess intimati jew min minnhom jigu ikkundannati jhallsu lill-esponenti kumpens gust u xieraq ghal tul dawn is-snin kollha li l-istess esponenti ilhom imcahhda milli juzufruwixxu l-art in kwestjoni.

3. Il-fatti migjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmentaw l-atturi huma kif gej:

> "*Illi permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur ta' Malta (numru 124 tas-sena 1957) datata 18 ta' Frar 1957 li tifforma parti mill-file governattiv bir-referenza L.A. 1/57 kien gie dikjarat illi hemm htiega ta' bicca art il-Mellieha ghal skopijiet pubblici u li l-akkwist taghha kellu jsir b'xiri assolut, u dana relattivament ghall-art deskritta fl-istess Dikjarazzjoni.*
>
> "*Illi l-art hemm imsemmija tappartjeni lill-esponenti f'ishma indivizi differenti.*
>
> "*Illi l-esponenti talbu lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet diversi drabi u b'diversi modi sabiex jirrilaxxja a favur taghhom l-artijiet rispettivi u dan kif ghamlu anke permezz ta' protest gudizzjarju tal-10 ta' April 1989 u iehor tat-18 ta' April 2008.*
>
> "*Illi permezz ta' dikjarazzjoni pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-13 ta' Lulju 2006 f'pagna 6255 regghet inharget Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ai termini tal-Artikolu 9(1) tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta li kkonfermat id-dikjarazzjoni tat-18 ta' Frar 1957 fuq riferita dwar l-istess bicca art fil-Mellieha, liema deskrizzjoni tal-art hija s-segwenti u cioe': bicca art tal-kejl ta' madwar 3,930 metru kwadru li tmiss mil-Lvant u minn Nofsinhar max-xatt, mill-Majjistral ma' propjeta` tal-Gvern, u mill-Punent il-Lbic mat-Telgha tal-Ahrax jew irjieh verjuri, liema art tidher murija bil-kulur isfar ma' pjanta immarkata AE2/57 mizmuma mid-Dipartiment tal-Artijiet.*
>
> "*Illi llum l-imsemmija art tinsab in parti okkupata minn stabbilimenti privati u l-parti kbira taghha qed tigi utilizzata ghall-attivitajiet kummercjali ta' natura privata, b'kiri ta' servizzi konnessi ma' divertiment estiv ta' qrib il-bahar, fost ohrajn b'impjantazzjoni ta' ammonti kbar ta' umbrelel, fost ohrajn imma mhux biss, deck chairs u accessorji ohra ghall-pubbliku, li jrid ihallas biex jutilizzahom.*

"*Illi dan kollu qed isir mhux biss bil-konsapevolezza tal-intimati, izda addirittura bi ftehim kummercjali maghhom, biex ghalhekk, filwaqt li l-esponenti gew sprovvisti milli jutilizzaw il-propjeta` taghhom privata kif talvolta qeghdin jaghmlu terzi persuni, haddiehor qieghed jaghmel qliegh minn fuq il-propjeta` taghhom.*

"*Illi d-dikjarazzjonijiet maghmula ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Artikolu 3, ma humiex fl-ewwel lok veritieri, u l-art in kwistjoni lanqas ma hija mehtiega ghal skop pubbliku u dan l-agir huwa ta' detriment ghad-drittijiet propjetarji tal-istess esponenti.*

"*Illi dan l-agir tal-intimati jew min minnhom huwa bi ksur car tal-Artikoli 32(a) u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu wiehed (1) tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea (inkorporat fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*"

**<u>Ir-Risposta tal-Konvenuti</u>**

4. Permezz tar-risposta taghhom tad-29 ta' Jannar 2009 il-konvenuti talbu lil din il-Qorti tirrespingi r-rikors tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

5. Fir-risposta taghhom, ir-rikorrenti eccepew is-segwenti:

"*1. Preliminarjament illi s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi u l-Avukat Generali ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-lanjanza tar-rikorrenti tista' u ghandha titqies bhala li hija diretta b'mod nett kontra l-intimat l-iehor il-Kummissarju tal-Artijiet.*

"*2. Preliminarjament ukoll, illi r-rikorrenti kellhom rimedju iehor ghad-dispozizzjoni taghhom taht il-ligi ordinarja li setghu utilizzaw u dan ai termini tal-artikolu 469A. Dan billi:*

"*(a) Qed jigi allegat mir-rikorrenti li l-att amministrattiv konsistenti fl-espropjazzjoni tal-art taghhom imur kontra l-Kostituzzjoni, senjatament l-artikoli 32(a) u 37; ghalhekk, tali att jaqa' taht is-subinciz 1(a) tal-artikolu 469A;*

"*(b) Qed jigi allegat mir-rikorrenti li l-att amministrattiv ta' esproprjazzjoni ma sarx fl-interess pubbliku kif rikjest mill-ligi*

*izda sabiex jigu agevolati terzi persuni privati. Skont din l-allegazzjoni, l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet jaqa' taht is-subinciz 2(c) u (d) tal-artikolu 469A stante illi jidher illi jista' "jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;" jew inkella "imur b'xi mod iehor kontra l-ligi."*

"*Illi taht dan l-artikolu, ir-rikorrent kellhom id-dritt li jitolbu mhux biss l-annullament tal-att amministrattiv konsistenti fl-esproprju tal-art taghhom izda wkoll il-hlas ta' danni bazati fuq delitt jew kwazi-delitt min-naha tal-Gvern. Ovvjament, f'kawza taht l-artikolu 469A ma setghetx tintalab dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, izda l-applikazzjoni tar-rimedju imsemmi kienet tkun adegwata sabiex tovvja l-htiega li wiehed jirrikorri ghas-sede Kostituzzjonali, u huwa proprju dan l-iskop tal-fakulta li tinghata lill-Prim'Awla f'sede kostituzzjonali sabiex teddeklina milli tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha.*

"*3. Illi inoltre ma jissussisti ebda ksur tad-dritt ghat-tgawdija tal-propjeta` kif stabbilit permezz tal-artikoli 32a u 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Europea rispettivament, u dan billi l-art li giet esproprjata minghand ir-rikorrenti giet akkwistata wara li kienet ilha tinhass il-htiega ta' access ghall-pubbliku f'dik il-parti tal-bajja tal-Ghadira.*

"*Illi kif isostnu Harris, O'Boyle u Warbrick, "the identification of the objective of a deprivation of property and its characterisation as being 'in the public interest' is primarily for the state. It is difficult to imagine circumstances in which the Court would dispute the purpose alleged by the government or to contest its assertion that the measure was in the public interest."*

"*Illi ghalhekk, skont l-istess awturi, meta wiehed jigi biex jara jekk tehid ta' art sarx fl-interess pubbliku, aktarx li dejjem se jaqa' fuq komponent iehor tal-ewwel artikolu, u cioe' li t-tehid irid isir skont il-kundizzjonijiet li tipprovdi l-ligi. Dan ifisser li t-tehid ma jridx ikun arbitrarju izda jkun regolat sewwa mil-ligi.*

"*Illi inoltre, kif josservaw van Dijk u van Hoof "Whether a particular expropriation has indeed been performed in the public interest will be subjected by the Strasbourg organs to a very marginal review only, the main objective being to detect cases of detournement de pouvoir or of manifest arbitrariness." Inoltre, jikkwotaw mir-rapport li sar mill-Kummissjoni fil-**Handyside Case**, fejn osservat li "Clearly the public or general interest encompasses measures which would be preferable or advisable, and not only essential, in a democratic society."*

"*Illi wkoll, skont Lester & Pannick, "the scope of review of the object or purpose of a legislative measure or other interference with property is limited. It is well-established that the national authorities have a wide margin of appreciation in implementing social and economic policies, and that their judgment as to what is in the public or general interest will be respected unless that judgment is "manifestly without reasonable foundation."*

"*Certament li t-tehid ta' art fil-kaz odjern ma jipprezentax diffikulta' sabiex jitqies bhala tehid fl-interess pubbliku; inoltre, ma jidher li hemm ebda dubju li t-tehid tal-proprjeta tar-rikorrenti sar skont il-principji stabbiliti mil-ligi tal-pajjiz.*

"*4. Illi fil-fatt dwar ic-cirkostanzi fattwali tal-kaz odjern, ta' min jirrileva illi:*

> "*a) Kieku l-art in kwistjoni ma gietx esproprjata kien ikun hemm sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti setghu liberalment jiccirkondaw din l-art b'hajt u ma jhalluhiex tintuza mill-pubbliku, xi haga li kien ikollha impatt dirett u deciziv fuq l-accessibilita` u l-idonejita` tal-bajja tal-Ghadira bhala post ta' rikreazzjoni nazzjonali.*
>
> "*b) L-allegata okkupazzjoni minn stabbilimenti privati li ghaliha jirreferu r-rikorrenti tikkonsisti fit-tqeghid ta' umbrelel bhala servizz ghall-uzu tal-pubbliku. Peress illi ghal ragunijiet ta' sahha huwa indikat li jkun ipprovdut xi forma ta' lqugh ghal kontra x-xemx, dan is-servizz huwa necessarju, u l-hlas ghalih isir direttament mill-pubbliku lis-sid tal-umbrelel ghal skopijiet prattici, ghax altrimenti il-Gvern jista' jhallas hu lis-sid tal-umbrelel izda imbaghad ikollu joqghod jigbor il-flus minghand in-nies.*
>
> "*c) L-esponenti jiddubitaw kemm, kieku l-art in kwistjoni ma gietx esproprjata, ir-rikorrenti kienu se jhallu access liberu ghaliha lill-pubbliku, inkluzi il-hafna turisti li jiffrekwentaw il-bajja.*

"*Illi fid-dawl tac-cirkostanzi l-esponenti jidhrilhom li l-konkluzjoni ghandha tkun wahda, u cioe' li t-tehid tal-art in kwistjoni huwa gustifikabbli f'socjeta demokratika u ma jilledi ebda dritt fundamentali tar-rikorrenti."*

6. Rat is-sentenza in parte moghtija mill-ewwel Qorti fit-3 ta' Gunju, 2009, li biha u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, cahdet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati;

7. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti, inkluz in-noti tas-sottomissjonijiet imressqa mill-atturi kif ukoll mill-konvenuti;

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti</u>**

8. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), ghas-sentenza taghha tal-14 ta' Mejju, 2015 kienu s-segwenti:

> "*Illi dina hija azzjoni dwar ksur ta' jedd ta' tgawdija pacifika ta' gid privat, b'rizultat ta' esproprju ta' art tar-rikorrenti li nghad li kien sar ghal skop pubbliku u li kellu jsir b'xiri assolut, izda li nghatat ghal uzu ta' attivitajiet kummercjali lil terzi u bla ma ghadu sal-lum sar ix-xiri tal-istess art. Ir-rikorrenti jghidu li d-dikjarazzjoni maghmula taht l-artikolu 3 tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta ma kellhiex mis-sewwa (ghaliex ma kienx minnu li l-art ittiehdet ghal skop pubbliku). Huma jridu li l-Qorti ssib li garrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom u li jinghataw l-art lura u jithallsu kumpens xieraq ghaz-zmien kollu li ccahhdu milli juzawha;*
>
> "*Illi ghal din l-azzjoni l-intimati laqghu billi, b'mod preliminari, qalu (i) li s-Segretarju Permanenti u l-Avukat Generali intimati ma messhomx kienu mharrka u jmisshom jinhelsu milli jibqghu fil-kawza ladarba mhumiex il-kontraditturi legittimi tal-istess azzjoni; u (ii) li l-Qorti jmissha taghzel li ma twettaqx is-setghat taghha biex tisma' l-kaz taht il-proviso tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta ladarba r-rikorrenti kellhom ir-rimedju ta' azzjoni ta' stharrig ta' eghmil amministrativ, li biha huma kellhom mhux biss il-jedd li jitolbu t-thassir tal-att amministrattiv tal-esproprju, imma wkoll il-jedd li jitolbu u jiksbu l-hlas tal-kumpens ghad-danni. Fil-mertu, laqghu billi cahdu li kien hemm xi ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti taht l-artikoli 32(a) u 37 tal-Kostituzzjoni jew taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u dan ghaliex l-art ittiehdet minghand ir-rikorrenti wara li kienet ilha tinhass il-htiega ta' access ghall-pubbliku f'dik il-parti tal-bajja tal-Ghadira. Wara li ressqu ghadd ta' argumenti dwar il-htiega tat-tehid tal-art u x'uzu kienu jaghmlu minnha r-rikorrenti, l-intimati qalu li t-tehid tal-art kien wiehed gustifikabbli f'socjeta` demokratika u ma kien ifisser il-ksur tal-ebda jedd fundamentali tal-istess rikorrenti;*
>
> "*Illi t-tieni eccezzjoni preliminari kienet michuda bis-sentenza in parte tat-3 ta' Gunju, 2009;*

"*Illi ghal dak li jirrigwarda* *<u>l-fatti li johorgu mill-atti tal-kawza</u>*, *jirrizulta li r-rikorrenti huma lkoll werrieta jew aventi kawza minn Carmelo u Carmela Grima li kienu s-sidien tal-art mertu tal-kawza. Carmelo Grima miet f'Marzu tal-1951. F'Dicembru tal-1952, l-armla tieghu qasmet il-gid taghha u ta' zewgha bejn uliedha. Fost il-gid hekk maqsum u mghoddi, kien hemm bicca raba' maghrufa bhala "Tar-Ramla" fil-kontrada tal-Ghadira, tal-kejl ta' mija u sbatax-il siegh u nofs;*

"*Illi fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Frar, 1957, dehret dikjarazzjoni (numru 124) maghmula fis-6 ta' Frar ta' dik l-istess sena mill-Gvernatur ghall-finijiet tal-artikoli 3 u 8 (1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici dwar firxa art tal-kejl ta' tmien mija u disgha u sebghin qasba kwadra (879q2) fil-bajja tal-Mellieha, liema art kienet ittiehdet ghal skop pubbliku u b'xiri assolut. L-art kienet tar-Reverendu Emmanuel Grima u ohrajn, ulied l-imsemmija mizzewgin Grima;*

"*Illi mal-art tar-rikorrenti ttiehdet art ta' haddiehor ukoll. Biex wiehed jaghraf sewwa liema hi l-art mehuda minghand ir-rikorrenti, xieraq jinghad li huma jippretendu li huma s-sidien tal-porzjonijiet numri erbgha (4) u hamsa (5) li jidhru mberflin b'lewn ahmar fil-pjanta mressqa minnhom (darbtejn) man-noti taghhom tas-6 ta' Jannar, 2010, u 19 ta' Jannar, 2010. Dan jidher imfisser sewwa fil-pjanta mressqa mix-xhud Perit Arkitett Stefan Scotto, mnejn tidher sewwa r-rabta bejn l-art tar-rikorrenti mehuda, l-bicca minn dik l-art li ttiehdet bil-koncessjoni taht "encroachment" u l-art li tmiss maghha (u li minnha r-rikorrenti ma jidhirx li kellhom xi sehem, hlief ghal parti ckejkna jew feles minnha li kienet inbniet u nghatat mal-koncessjoni enfitwetika) li nghatat b'enfitewsi lil terza persuna li 'l quddiem inghatat il-porzjon taht l-imsemmi "encroachment." Ghall-kompletezza, l-art mehuda skont il-pjanti mehmuzin mad-Dikjarazzjoni originali tal-Gvernatur Generali, hija mfissra fi pjanti ohrajn li tressqu fl-atti ta' din il-kawza waqt il-gbir tal-provi;*

"*Illi meta nharget id-Dikjarazzjoni kien dikjarat li l-art kienet qieghda tittiehed b'rabta ma' progett li dak iz-zmien kien issejjah "Ghadira Scheme" dwar l-izvilupp tal-bajjiet. Ghalkemm kien hemm xi suggeriment li t-tehid seta' kien jirrigwarda l-formazzjoni ta' triq, mix-xhieda hareg li l-hsieb aktarx kien dak ta' tkabbir tal-ambjenti tar-ramla tal-bajja biex jizdied l-access fejn wiehed seta' jinzel jghum.*

"*Illi fit-12 ta' Mejju, 1967, wiehed Stefano Debono li kien baqa' jahdem l-art tieghu minkejja d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Generali, talab lill-Kummissarju intimat biex, ladarba kien ghadda daqshekk zmien mid-data tad-Dikjarazzjoni, l-art tinheles u tinghatalu lura fid-dritt;*

"*Illi fl-4 ta' April, 1973, il-Kummissarju intimat baghat jitlob jistaqsi lid-Direttur tax-Xoghlijiet biex jghidlu jekk kemm-il darba kellux jittmexxa l-process ghall-kisba min-naha tal-Gvern tal-art mehuda. Id-Direttur*

*baghat iwiegbu fit-12 ta' Ottubru, 1973, biex jgharrfu li l-process kellu jitkompla, filwaqt li b'ittra tat-12 ta' Dicembru, 1974, zied jghidlu li kellu jitqies li d-data tat-tehid tal-art saret fir-Rebbiegha tal-1965;*

"*Illi f'Dicembru tal-1984, l-awtur ta' whud mir-rikorrenti, Anthony Gauci, baghat jistaqsi lill-Kummissarju intimat jekk kienx possibbli li l-art mehuda titregga' lura ghand is-sidien, ladarba ma kien qieghed isir l-ebda uzu minnha. Minhabba li baqghet ma nghatat l-ebda twegiba formali, mart l-istess Anthony Gauci, Victoria, ressqet ittra ufficjali kontra l-istess intimat fis-26 ta' Novembru, 1986, fejn talbitu jirrilaxxa l-art favur is-sidien u jhallashom kumpens xieraq ghaz-zamma tal-art tul is-snin kollha minn mindu ttehditilhom;*

*"Illi f'Ottubru tal-1987, il-Kummissarju intimat rega' kiteb lid-Direttur tax-Xoghlijiet biex jitolbu jqis jekk l-art mehuda kellhiex terga' tinheles favur is-sidien, wara li dawn kienu baqghu jiktbulu bosta drabi b'talba ghalhekk fuq medda ta' zmien. Sitt xhur wara, fid-29 ta' April, 1988, id-Deputat Direttur baghat jgharraf lill-Kummissarju intimat li d-Dipartiment tax-Xoghlijiet ma kienx jaqbel li l-art tinheles u tinghata lura lis-sidien taghha;*

"*Illi f'Ottubru tal-1988, Victoria Gauci kienet ressqet protest gudizzjarju kontra l-Kummissarju intimat u talbitu jroddilha lura l-art hekk mehuda u zammitu responsabbli ghad-danni li kienet qieghda ggarrab minhabba li kienet imcahhda mill-uzu taghha. L-imsemmi intimat wegibha f'Novembru tal-1988 biex iwarrab it-talbiet taghha. Is-sidien regghu ressqu protest gudizzjarju iehor f'April tal-1989 kontra l-Kummissarju intimat u bl-istess talbiet bhall-protest ta' qablu. Ghal darb'ohra l-Kummissarju intimat warrab il-pretensjonijiet tal-mittenti b'ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju, 1989;*

"*Illi permezz ta' ftehim ta' koncessjoni b'encroachment tat-23 ta' Gunju, 1992 (koncessjoni numru 95932), bicca mill-art mehuda minghand ir-rikorrenti nghatat lil Costa del Sol ghall-uzu bhala "beach concession" bi hlas ta' mitejn lira Maltin (Lm 200) fis-sena u kundizzjonijiet ohrajn hemm imsemmija. Jidher li din il-koncessjoni kienet tiddependi fuq kundizzjonijiet ta' koncessjoni enfitewtika ta' hamsa u ghoxrin (25) sena li nghatat b'kuntratt tal-10 ta' April, 1974. Dan l-arrangament u l-hlas min-naha tal-Costa del Sol baqa' sejjer sal-ahhar tal-2006;*

"*Illi f'Lulju tal-1992 tressaq protest gudizzjarju iehor minn uhud ohra mis-sidien, ukoll kontra l-Kummissarju intimat u bl-istess talbiet bhal ta' qabilhom. Ghal darb'ohra, l-intimat warrab il-pretensjonijiet tal-protestanti b'ittra ufficjali li baghtilhom f'Awissu tal-1992;*

"*Illi fil-15 ta' Settembru tal-1992, ir-rikorrenti Carmel, Joseph u John ahwa Grima fethu kawza kontra l-Kummissarju intimat biex biha l-Qorti tikkonferma l-ordni mahruga kontra l-istess Kummissarju intimat b'mandat ta' inibizzjoni biex ma jithalliex jghaddi l-art taghhom lil terzi b'kull titolu li jkun. B'sentenza tal-24 ta' Gunju, 1993, u ghar-ragunijiet*

*hemm imfissra, din il-Qorti (diversament presjeduta) cahdet it-talba attrici;*

"*Illi b'ittra tal-20 ta' Mejju, 2006, ir-rikorrenti Doris Fenech kitbet lid-Direttur tal-Artijiet biex titolbu jersaq ghall-hlas tal-kumpens ghall-art mehuda u kif ukoll tal-imghaxijiet ghaz-zmien kollu minn kemm kien ilha li ttiehdet l-art. Baghtitlu wkoll taghrif dwar l-ismijiet tas-sidien kollha tal-art mertu tal-kaz;*

"*Illi fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Lulju, 2006, dehret Dikjarazzjoni ohra maghmula mill-President tar-Repubblika fit-23 ta' Gunju, 2006, dwar it-tehid tal-istess art ghall-finijiet tal-Att I tal-2006 u bil-kumpens dovut ikun ta' sebat elef lira Maltin (Lm 7,000) skont l-istima tal-perit imqabbad mid-Dipartiment madwar tliet (3) snin qabel. Kopja ta' dik id-dikjarazzjoni ntbaghtet lir-rikorrenti Doris Fenech fis-17 ta' Lulju, 2006, bi stedina li tinghata lura "parir legali dwar il-proprjeta` kollha";*

"*Illi permezz ta' kuntratt pubbliku tas-27 ta' Settembru, 2006, fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli, u wara sejha pubblika ghall-offerti, il-Gvern ta bicca art li tmiss mal-art mertu ta' din il-kawza b'titolu ta' enfitewsi temporanju ghal zmien hamsin (50) sena b'sehh mid-disgha (9) ta' Awwissu tas-sena ta' qabel (2005) lill-kumpannija Costa del Sol Limited l-istabiliment bl-isem ta' "Costa del Sol", b'cens ta' ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) kull sena jithallsu kull sitt (6) xhur bil-quddiem, liema kanone jkun rivedibbli kull hames (5) snin skont l-indici tal-inflazzjoni. Din il-koncessjoni saret taht il-patti u l-kundizzjonijiet l-ohra hemmhekk miftehma;*

"*Illi f'April tal-2007, it-Taqsima tal-Proprjeta` tal-Gvern assenjat it-tmexxija u r-responsabbilta' dwar il-koncessjonijiet fil-bajja tal-Ghadira, limiti tal-Mellieha, lill-Awtorita` tat-Turizmu ghal Malta, b'dan li l-"encroachment fee" dovut sar wiehed nominali ta' zewg euro u tlieta u tletin centezmi (€2.33) kull sena, izda bi hlas ta' erba' euro u sitta u sittin centezmi (€4.66) kull metru kwadru li tithallas bhala "management contribution" lill-imsemmija Awtorita`. Din il-koncessjoni nghatat lil Costa del Sol ukoll f'Awwissu tal-2007;*

"*Illi f'April tal-2008, ir-rikorrenti ressqu protest gudizzjarju iehor kontra l-intimati (u ohrajn) jallegaw ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom u jitolbu li l-art tintraddilhom lura hielsa minn kull xkiel u irrizervaw kull azzjoni ta' danni li kien jisthoqqilhom. Il-Kummissarju intimat ressaq kontro-protest f'Mejju ta' wara u warrab il-pretensjonijiet taghhom billi sehaq li l-art kienet ittiehdet ghal skop pubbliku u kienet qieghda tintuza mill-pubbliku in generali;*

"*Illi r-rikorrenti fethu din il-kawza f'Jannar tal-2009;*

"*Illi ghal dak li jirrigwarda <u>l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jsawru l-kaz il-Qorti tqis li mill-atti migbura tal-kawza ntwera sewwa liema hija l-*

*art li dwarha r-rikorrenti fethu din il-procedura u dwarha kienu nhargu d-Dikjarazzjonijiet ta' esproprju. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni lanqas li, sallum, is-sidien ghadhom ma nghatawx il-kumpens ghat-tehid tal-art imsemmija u lanqas ghadhom intemmu l-proceduri ghat-trasferiment b'titolu assolut tal-imsemmija art, kif dikjarat meta thabbar it-tehid tal-art. Il-Qorti qieghda tifhem ukoll li l-intimati ma jmerux il-fatt li r-rikorrenti huma, fl-ishma rispettivi taghhom, is-sidien tal-art in kwestjoni kif jidher mill-arblu tar-razza dettaljat u d-dokumenti awtentikati li jseddqu u jfissru b'reqqa u tajjeb dawk l-ishma. Huwa minnu li f'Lulju tal-2006, id-Dipartiment tal-Artijiet baghat jitlob lir-rikorrenti jibghatu parir legali dwar il-prova ta' proprjeta` min-naha taghha u li dan baqa' ma ntbaghatx, izda din ic-cirkostanza wahedha ma tissarrafx f'cahda tal-prova tal-jedd li r-rikorrenti lkoll flimkien ghandhom fuq l-art mehuda;*

"*Illi xieraq jinghad ukoll li r-rikorrenti jishqu li mhuwiex minnu li l-art ittiehdet ghal skop pubbliku u li ghal snin twal ma sarx minnha uzu kif imsemmi fid-Dikjarazzjoni li biha kien mgharraf ufficjalment it-tehid. Ma' dan jorbtu l-argument li l-art inghatat lil terza persuna privata ghal skopijiet kummercjali. Fl-ahharnett, jinghad li l-azzjoni taghhom tintrabat mal-ksur tal-jedd taghhom ghat-tgawdija bil-kwiet ta' hwejjighom u l-harsien minn tehid bla kumpens xieraq. Ma humiex jilmintaw minn ksur ta' xi jedd fundamentali iehor kemm taht il-Kostituzzjoni u kif ukoll taht il-Konvenzjoni;*

"*Illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex tistharreg il-mertu tal-azzjoni tar-rikorrenti, jidhrilha xieraq u mehtieg li tistharreg* ***l-ewwel eccezzjoni preliminari*** *billi dwar din il-Qorti ghadha ma tat l-ebda decizjoni u billi l-intimati baqghu ma irrinunzjawx ghaliha;*

"*Illi bl-imsemmija eccezzjoni preliminari, l-intimati qeghdin jghidu li l-azzjoni setghet titressaq u l-gudizzju jkun shih li kieku saret mill-ewwel kontra l-intimat Kummissarju tal-Artijiet wahdu. B'dan il-mod, jghidu li kemm is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi u kif ukoll l-Avukat Generali ma messhomx tharrku wkoll;*

"*Illi dwar din l-eccezzjoni r-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni u lanqas, formalment, kontestazzjoni;*

"*Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn toqghod tidhol f'hafna konsiderazzjonijiet dottrinali dwar min hu l-kontradittur legittimu f'kawza ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Taghraf biss li l-azzjoni li ghandha quddiemha ma titlob bl-ebda mod is-sejbien li xi parti mill-ligi nnifisha qieghda tikser il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti. Wara li semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha li jinsabu fl-atti tal-kawza, hareg ukoll li mkien ma ntwera x'sehem seta' kellhom l-Avukat Generali jew is-Segretarju Permanenti intimat f'dawn il-grajja kollha. Biex ikun inghad kollox, jidher li l-istess rikorrenti dahhlu fil-kaz lill-intimat Avukat Generali aktar biex iserrhu mohhhom li l-gudizzju huwa shih milli ghaliex kellhom fehma shiha li huwa kien tabilhaqq il-persuna li kellha*

*twiegeb ghall-ilmenti taghhom, ghaliex kemm hu hekk harrkuh "ghal kull interess li jista' jkollu";*

"*Illi ghalhekk, bi thaddim tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li l-kuntradittur legittimu wahdieni tal-azzjoni attrici huwa l-intimat Kummissarju tal-Artijiet u l-istess kawza messha nfethet kontrih biss;*

"*Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ssib li l-ewwel eccezzjoni preliminari hija tajba u sejra tilqaghha billi tehles lill-intimati Segretarju Permanenti u l-Avukat Generali milli jibqghu aktar fil-kawza;*

"*Illi ghal dak li jirrigwarda **l-mertu tal-azzjoni attrici** jerga' jinghad li t-talbiet tar-rikorrenti huma biex il-Qorti (a) ssib li l-art ittiehdet bi ksur tal-jeddijiet taghhom taht l-artikoli 32(a) u 37 tal-Kostituzzjoni u taht l-artikolu 1 (tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; (b) issib li l-esproprjazzjoni ma tiswiex u b''hekk thassarha u tordna li l-art tintradd lura lilhom; u (c) f'kaz li dan ma jistax aktar isir, li l-intimati, jew min minnhom, ihallsuhom kumpens ghad-danni li garrbu minhabba dan il-ksur.*

"*Il-Qorti tibda l-istharrig taghha billi tqis l-ilment tar-rikorrenti dwar **ksur tal-jedd taghhom ghat-tgawdija ta' hwejjighom**. Kif inghad qabel, dan l-ilment tar-rikorrenti jriegi fuq zewg dispozizzjonijiet, u jigifieri l-artikoli 32(a) u 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;*

"*Illi qabel tibda tqis dawn il-kawzali, il-Qorti jidhrilha xieraq li tghid li ghalkemm l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni jaghmel parti mill-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, ma jistax jinghad li fih innifsu jhares xi jedd specifiku: huwa artikolu li "jelenka d-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-individwu protetti mill-Kostituzzjoni … u jaghmel riferenza ghal-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dispozizzjonijiet specifici tal-Kostituzzjoni." Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-imsemmi artikolu huwa tabilhaqq dikjarazzjoni ta' principji imma mhuwiex esegwibbli bhala dispozizzjoni li taghti harsien ta' jedd specifiku kif jissemma fl-artikolu l-ohrajn ta' warajh u li jaghmlu mill-istess Kapitolu IV;*

"*Illi ghar-rigward tal-<u>ilment taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni</u>, tajjeb jinghad li ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li t-tehid sehh taht id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta liema ligi kienet fis-sehh qabel Marzu tal-1962. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li: "Ebda haga fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li, minn zmien ghal zmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)…". Dawk id-dispozizzjonijiet ma jkunux jghoddu biss jekk kemm-il darba xi ligi bhal dik (i) izzid mal-ghamliet ta' gid li jista' jittiehed ghal skop pubbliku jew li tolqot xi jeddijiet jew*

*interessi fuq gid bhal dak; jew (ii) izzid mal-ghanijiet li ghalihom jew mac-cirkostanzi li fihom dak il-gid jista' jittiehed; jew (iii) taghmel aktar iebsa l-kundizzjonijiet li tahthom jithallas kumpens xieraq ghal tehid ta' gid bhal dak; jew (iv) iccahhad xi persuna mill-jedd ghall-access ghal qorti jew tribunal ghall-hlas ta' kumpens xieraq jew mid-dritt tal-appell mid-decizjoni minn qorti jew tribunal bhal dak, kif imfissra fl-artikolu 37(1)(b) u (c) tal-Kostituzzjoni;*

"*Illi l-ebda wahda mill-premessi fir-Rikors promotur fil-kawza li l-Qorti ghandha quddiemha llum ma taqa' taht xi wahda mill-eccezzjonijiet mahsuba fl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u daqstant iehor l-ebda wahda minn dawk il-premessi jew mit-talbiet ma tattakka l-ligi nnifisha jew is-siwi tat-thaddim taghha. Dan ifisser ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, li l-ilment tar-rikorrenti safejn imsejjes fuq il-ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistax jintlaqa' sewwasew minhabba li d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta li tahthom saret l-ordni tal-esproprju tal-art mertu tal-kaz huma mharsin mill-Kostituzzjoni nnifisha minn dak li jipprovdi l-artikolu 37 taghha;*

"*Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal ghall-fehma li r-rikorrenti ma sehhilhomx juru li garrbu ksur tal-jedd taghhom kif imhares bl-artikoli minnhom imsemmija tal-Kostituzzjoni;*

"*Illi l-Qorti sejra tistharreg issa l-<u>ilment tar-rikorrenti taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni</u>. Dan jipprovdi li : "Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali. Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni;"*

"*Illi l-imsemmi artikolu jitkellem kemm dwar it-tehid u kif ukoll dwar il-kontroll ta' possediment. Dak l-artikolu, kif ilu jinghad u kif ilu stabilit, huwa gabra ta' tliet (3) regoli msenslin wahda mal-ohra u li ghandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. B'mod partikolari, fil-harsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inzamm u thares bilanc xieraq bejn l-interessi tal-komunita` u dawk tal-individwu li gidu jkun intlaqat mill-ghamil tal-Istat (f'dan il-kaz, l-esproprjazzjoni). Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati taghna diga' taw il-fehmiet meqjusa taghhom u hargu b'sensiela ta' principji li fuqhom ghandhom jintiznu l-jeddijiet tal-individwu fuq naha u dawk tal-Istat fuq in-naha l-ohra. Ghalhekk, filwaqt li l-ligijiet li jaghtu s-setgha lill-Istat li jiehu gid f'idejh ghal ghanijiet pubblici huma meqjusa bhala mehtiega f'socjeta` demokratika, dawn ma jaghtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, ghaliex tali jedd ghandu jitqies bhala eccezzjoni jew limitazzjoni ghall-jedd tal-individwu li jgawdi hwejgu u gidu bil-kwiet, u ghalhekk l-Istat irid*

*juri kif imiss li l-jedd tieghu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mill-ligi;*

"*Illi ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, ikun hemm "tehid ta' possedimenti" biss "when all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. … In the absence of a formal extinction of the owner's rights, the Court has been very cautious about accepting that a de facto deprivation of property qualifies as a deprivation for the purposes of Article 1/2." B' "de facto deprivation" wiehed jifhem dawk il-kazijiet fejn "the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title." Ghalhekk b'tehid ta' gid minghand is-sid ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, jidher li wiehed ifisser il-kaz fejn il-jeddijiet proprjetarji jingiebu fix-xejn;*

"*Illi min-naha l-ohra ghal dak li jirrigwarda l-indhil fl-uzu tal-gid min-naha tal-Istat, jidher li dan l-indhil jista' jiehu s-sura ta' kull ghamla ta' kontroll (bla ma jcahhad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jithares il-bilanc bejn il-htiega jew interess pubbliku jew generali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-gid;*

*"Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-tehid jew l-indhil sehh tassew fl-interess pubbliku jew generali, hemm qbil li, fejn jidhol dak li jitqies bhala "interess pubbliku," l-Istat igawdi firxa wiesgha ta' diskrezzjoni. Madankollu, l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jghaddi mill-gharbiel tal-bilanc mistenni bejn l-interessi tas-socjeta` u dawk tal-individwu mgarrab bit-twettiq taghha, u dan kemm jekk l-ghamil ikun ta' tehid ta' proprjeta` u kif ukoll jekk ikun "semplicement" dwar indhil fl-uzu taghha;*

"*Illi tajjeb li jkun ipprecizat li l-fatt li d-dispozizzjonijiet tal-Kap 88 jista' jkun li, bis-sahha tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, ma jistghux jitqiesu li jiksru d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni, dan ma jfissirx li l-Kap 88 "jahrab" ukoll mill-iskrutinju tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrenti dwar it-tehid ta' hwejjighom skont il-Kap 88 sewwasew taht dan l-artikolu tal-Konvenzjoni.*

"*Illi lment ewlieni tar-rikorrenti f'dan il-kaz hu li t-tehid tal-art miksuba minnhom ma kienx tassew maghmul b'ghan ta' uzu pubbliku, tant li ghaddew snin kbar minn mindu l-art ittihditilhom u sallum baqa' ma sarx minnha uzu pubbliku: mhux hekk, biss, izda jghidu li issa l-art inghatat lil terzi persuni privati ghal ghanijiet ta' qligh kummercjali u li jcahhad lilhom, bhala s-sidien, milli jinqdew bi hwejjighom jekk iridu bl-istess mod;*

"*Illi l-Qorti kienet taghraf is-siwi ta' dan l-argument tar-rikorrenti ghal dak li seta' gara mill-art li ttehditilhom sal-1974, meta ma jidhirx li l-art kien sar xi uzu minnha mill-Gvern. Imma minn dik is-sena 'l quddiem jidher li uzu kien tabilhaqq qieghed isir, kif baqa' jsir sallum. Mhux maghruf ghalfejn ir-rikorrenti ma hadu l-ebda passi ghal ghoti ta' rimedju*

*quddiem il-qrati: bizzejjed jinghad li meta nfethet l-ewwel procedura – fl-1992, jigifieri hamsa u tletin (35) sena wara t-tehid originali tal-art – l-art kienet ilha tintuza fl-interess pubbliku s-snin. Minbarra dan, meta fethu din il-kawza, tnejn u hamsin sena wara li l-art ittiehdet mill-Gvern – l-uzu li kien qieghed isir mill-art baqa' l-istess. Ghalhekk, ir-rikorrenti ma jghidux sewwa meta jsemmu li l-uzu li sar mill-art ma kienx uzu fl-interess pubbliku tul iz-zmien kollu rilevanti li l-Qorti setghet tqis;*

"*Illi b'zieda ma' dan, mill-atti tal-kawza hareg li sa minn xi snin qabel ma l-art ittiehdet bl-ewwel dikjarazzjoni, kien hemm ftehim ta' socjeta` civili b'kuntratt pubbliku bejn wiehed mill-awturi tar-rikorrenti u negozjant maghruf li, bis-sahha tieghu, bicca mill-art mertu ta' din il-kawza kienet tintuza bhala "caravan site" sa mill-1954, liema attivita` kellha titwaqqaf hesrem malli nharget id-Dikjarazzjoni fi Frar tal-1957. Minbarra dan, hareg car ukoll li, sa mill-1973, ir-rikorrenti kienu ghadd ta' drabi talbu lill-Kummissarju intimat biex jehles l-art minn taht idejh u jroddhielhom lura ghaliex kellhom f'mohhhom li juzawha bhala "beach concession" kif sewwasew tintuza llum il-gurnata;*

"*Illi, fis-sottomissjonijiet taghhom, ir-rikorrenti jishqu li tant kien vag il-hsieb li ghalih l-art ittiehdet, li hadd ma seta' jghid x'kien tabilhaqq l-iskop pubbliku li ghalih l-art suppost ittiehdet mill-Gvern b'xiri assolut. Huma jishqu li l-art kienet ittiehdet ghat-twessigh ta' toroq, imma baqa' qatt ma sar xejn f'dan ir-rigward. Il-Qorti hija tal-fehma li jekk hu minnu li l-art tar-rikorrenti ttiehdet ghat-twessigh jew ghall-formazzjoni ta' triq, dan jixhed li tassew kien hemm skop pubbliku u ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti jillimita ruhu dwar jekk, f'kaz li tassew l-ghan tat-tehid kien dak li jghidu huma, sehhx ksur tal-jedd taghhom talli sallum dak l-ghan baqa' ma twettaqx u l-uzu mahsub baqa' ma sarx. Il-Qorti temmen li, mill-provi mressqa, mkien ma hareg li l-ghan ghat-tehid kien tabilhaqq ghall-formazzjoni ta' triq gdida jew it-twessigh ta' xi triq eqdem, izda tqis li l-ghan veru kien it-titjib tal-bajja u l-facilitajiet taghha ghall-pubbliku, l-aktar meta wiehed iqis li fiz-zmien li l-art ittiehdet il-qasam tat-tisbih tal-pajjiz u t-turizmu kienu bdew jigbdu l-attenzjoni tal-amministrazzjoni pubblika;*

"*Illi bil-kliem "skop pubbliku" l-ligi tifhem kull ghan li jkollu x'jaqsam mal-uzu esklussiv tal-Gvern jew mal-uzu pubbliku generali jew li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le). Illum il-gurnata huwa accettat li t-tifsira ta' "skop pubbliku" li wiehed isib fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 88 trid tinftiehem fid-dawl ta' osservazzjonijiet maghmulin f'xi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fl-ahhar snin. B'dan il-mod, ghalhekk, johrog li l-kejl tal-ghan pubbliku huwa dak tal-interess generali tal-kollettivita` b'kuntrast mal-interess tal-indvidwi. Dan ifisser, li l-fatt wahdu li gid jittiehed minghand persuna wahda biex jinghata lil persuna ohra ma jgibx b'daqshekk in-nuqqas ta' interess pubbliku, jekk tassew ikun jirrizulta li dak it-tehid ikun sehh ghal ghan pubbliku. Ifisser ukoll li l-fatt wahdu li post jittiehed biex jintuza ghal skop kummercjali ma jgibx*

*b'daqshekk li l-ghan mahsub mhuwiex wiehed pubbliku jew li mhuwiex fl-interess pubbliku;*

"*Illi nghad ukoll li jekk jintwera l-interess pubbliku, il-fatt li art tittiehed biex isir minnha uzu kummercjali mill-privat ma jnaqqasx b'daqshekk biss l-element ta' htiega pubblika jew interess pubbliku. Dak li wiehed irid izomm quddiem ghajnejh hu li meta t-tehid ma jkunx finalizzat b'mod shih, l-interess pubbliku jew generali jrid jibqa' fis-sehh sa ma jintemm dak l-akkwist. Wiehed mistenni wkoll jaghraf bejn l-implikazzjonijiet tal-kuncett tal-ghan pubbliku minn dawk marbuta mal-kuncett ta' interess pubbliku;*

"*Illi huwa fid-dawl ta' din il-qaghda li l-Qorti ghandha tistharreg l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur imgarrab minnhom tal-jedd imhares taht l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Kemm hu hekk, l-ezercizzju li ghandha taghmel f'dan il-kaz huwa dak li tqis jekk kemm-il darba kienx hemm ksur tal-jedd taghhom ghat-"tgawdija pacifika tal-possedimenti" taghhom f'kaz li l-eghmil ma jkunx wiehed ta'* ***tehid*** *(fis-sens ta' cahda jew, fi kliem il-Konvenzjoni, "privazzjoni") ta' dak il-gid imma ta'* ***ndhil*** *f'dik it-tgawdija. Jekk jirrizulta li kien hemm tehid, allura l-Qorti tkun trid tqis ukoll jekk dak it-tehid kienx mahsub fl-interess pubbliku jew fl-interess generali* ***u*** *kif ukoll jekk dan ikunx sar b'harsien ta' ligi domestika u tal-principji generali tad-dritt internazzjonali;*

"*Illi minn qari xieraq tal-atti tal-kawza l-Qorti tasal ghall-fehma li fiz-zmien li nharget id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur fl-1957, l-ghan li ghalih ittiehdet l-art ma kienx imfisser b'mod preciz, izda kien imfisser f'nota dipartimentali bhala mahsub ghal dik li ssejhet "Ghadira Scheme." Ir-rikorrenti jghidu li dan kien xi progett ta' formazzjoni jew twessigh ta' toroq. Il-Qorti diga' fissret il-fehma taghha li dan ma jidhirx li kien il-hsieb ewlieni tat-tehid tal-art, ukoll meta wiehed iqis kemm din l-art hija qrib ir-ramla u kemm ma jkunx ghaqli jew prattiku li wiehed jghaddi triq fuq ir-ramla. Min-naha l-ohra, meta wiehed jara x'uzu sar mill-art minn min inghata l-koncessjoni mill-Gvern, wiehed ghandu jasal malajr ghall-fehma li l-iskop tat-tehid kien bla dubju wiehed li jilhaq il-kriterji hawn fuq imsemmija ta' skop pubbliku, minhabba li dak it-tehid kien marbut mal-uzu li kellu jsir tar-ramla pubblika popolari hafna b'access ghall-pubbliku in generali. Il-Qorti tifhem li t-tishih ta' infrastruttura mahsuba ghall-uzu mill-pubbliku tal-facilitajiet tal-ghawm huwa fih innifsu ghan rilevanti ta' xejra pubblika, minbarra l-effetti ewlenin li dan ihalli fil-qasam tal-pajjiz. Minbarra dan, it-tehid fl-interess pubbliku johrog ukoll fejn art tittiehed bla ma tkun zviluppata, b'mod partikolari fejn l-ghan tat-tehid ikun wiehed mahsub li jhares l-ambjent originali jew izommu f'kundizzjoni pristina;*

"*Illi, b'zieda ma' dan, irid jinghad li t-tehid ta' art b'esproprju bla ma jkun identifikat b'mod preciz il-progett li ghalih l-art tkun ittiehdet ma ghandux igib ma jiswiex dak it-tehid jew li jigi b'hekk nieqes l-interess pubbliku jew generali mahsub. Sakemm il-Gvern jipprova kif jixraq u ghas-soddisfazzjoni tal-Qorti li hemm utilita` pubblika fit-tehid tal-gid li*

*jkun u sakemm l-ghan tat-tehid ma jithalliex biss bhala hsieb ipotetiku ta' htiega potenzjali, it-tehid fl-interess pubbliku ghandu jitqies li jkun ippruvat kif imiss;*

"*Illi f'dan ir-rigward u kif diga' ssemma aktar qabel, il-Qorti ma taqbilx mal-argument tar-rikorrenti li ladarba t-tgawdija kienet moghtija f'idejn persuna (guridika) privata, b'daqshekk l-interess pubbliku ma jezistix. Minbarra dan, filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-tehid jew l-indhil sehh tassew fl-interess pubbliku jew generali, hemm qbil li, fejn jidhol dak li jitqies bhala "interess pubbliku," l-Istat igawdi firxa wiesgha ta' diskrezzjoni. Madankollu, l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jghaddi mill-gharbiel tal-bilanc mistenni bejn l-interessi tas-socjeta` u dawk tal-individwu mgarrab bit-twettiq taghha, u dan kemm jekk l-eghmil ikun ta' tehid ta' proprjeta` u kif ukoll jekk ikun "semplicement" dwar indhil fl-uzu taghha;*

"*Illi r-rikorrenti jilmintaw li hemm nuqqas ta' bilanc fid-decizjoni tat-tehid tal-art li ttehditilhom meta mqabbel mal-vantagg li nkiseb bl-uzu li ghalih inghatat lil terzi. Kif inghad, ir-rikorrenti kienu ilhom zmien jitolbu huma wkoll li jithallew jinqdew b'gidhom bl-istess mod li t-terza persuna llum qieghda tithalla tinqeda bl-art taghhom. Wiehed mill-kejl li maz-zmien tqiesu biex wiehed jara jekk persuna garrbitx ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel protokoll huwa dak tal-proporzjonalita` bejn it-tehid tal-gid u t-tbatija tal-persuna mcahhda minn gidha. Jidher li fit-tifsira moghtija lill-kwestjoni taz-zamma tal-bilanc xieraq bejn l-interess tal-kollettivita` (l-interess pubbliku) u l-keddijiet tal-persuna li hwejjigha jkunu ttiehdu mill-awtorita` pubblika, wiehed irid jara jekk tali persuna kellhiex access ghal ghodda xierqa li biha setghet tqassar iz-zmien li fih il-process tat-tehid (u l-konsegwenzjali hlas ta' kumpens xieraq) jingieb fi tmienu. Dan jinghad ghaliex "the fair balance will not be upset where the applicant has failed to make proper use of available procedures for remedying the interference complained of, even where these interferences were prima facie incompatible with the fair balance requirement and even where the conduct of the authorities was not beyond reproach;"*

"*Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ttenni dak li semmiet aktar qabel dwar in-nuqqas ta' tehid ta' passi gudizzjarji xierqa min-naha tar-rikorrenti ghal tul ta' zmien biex jinghataw rimedju xieraq ghall-ilment taghhom. Tnehhi xi interpellazzjonijiet gudizzjarji fis-sura ta' protesti gudizzjarji jew ittri ufficjali, qajla ttiehdu passi ohrajn konkreti biex l-isproporzjon li r-rikorrenti jghidu li garrbu jkun rimedjat b'mod effettiv. Fil-fehma tal-Qorti, dan idghajjef il-kaz tar-rikorrenti minn dan l-aspett.*

"*Illi madankollu, ghalkemm l-imsemmi artikolu ma jghid xejn dwar il-kumpens, il-fatt li ma jkunx thallas kumpens meta ttiehdet il-proprjeta` jew ikun hemm dewmien kbir fl-gheluq tal-process ghall-hlas ta' tali kumpens huwa fattur determinanti ghall-Qorti meta tigi biex tqis jekk ikunx inzamm bilanc bejn l-interess privat u l-interess generali. F'dan ir-rigward tajjeb jinghad li "compensation terms are material to the*

*assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and whether or not it imposes a disproportionate burden. In this connection the Court holds that the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference. However, legitimate objectives of 'public interest may call for less than reimbursement of the full market value;'"*

"*Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li l-qaghda tar-rikorrenti twassal biex tabilhaqq johrog ksur tal-jedd taghhom taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan qieghed jinghad ghaliex minkejja li l-art ilha li ttiehdet minn taht il-kontroll tar-rikorrenti sa mill-1957 (liema dikjarazzjoni regghet ittenniet fl-2006), sallum l-istess rikorrenti baqghu ma nghataw l-ebda kumpens;*

"*Illi huwa llum accettat li d-dewmien fil-process biex jithallas il-kumpens u jsir it-trasferiment ahhari tat-titolu ta' art mehud b'esproprju huwa fih innifsu eghmil li jitfa' fuq is-sid esproprjat piz sproporzjonat ghall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li sa tmienja u hamsin (58) sena wara li nharget id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Generali li l-art tar-rikorrenti kienet sejra tittiehed b'titolu assolut, l-istess tehid ghadu ma ntemmx. Hemm imbaghad il-fatt li tul dan iz-zmien kollu r-rikorrenti kienu mcahhda ghal kollox minn kull sura ta' kumpens jew dhul mill-uzu tal-imsemmija art, ladarba l-uzu wkoll ittiehed bis-sahha tal-imsemmija dikjarazzjoni. Dan ma ghandu jhalli l-ebda dubju li r-rikorrenti qeghdin igorru piz sproporzjonat bi ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni mqar minhabba f'hekk biss;*

"*Illi min-naha l-ohra, irid jinghad li kien biss wara bosta snin li r-rikorrenti talbu lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet biex jersaq ghal-likwidazzjoni tal-kumpens u baqghu ma nqdewx bil-procedura biex jitolbu lill-Qorti tordna lill-intimat biex jibda l-process tal-hlas tal-kumpens u x-xiri tal-art. Dan huwa fattur li l-Qorti trid tqisu meta tigi biex tikkalibra l-ammont ta' kumpens morali misthoqq;*

"*Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal ghall-fehma li r-rikorrenti garrbu u ghadhom qeghdin igarrbu ksur tal-jedd taghhom taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u dan minhabba l-fatt li s'issa, minkejja li ghadda zmien twil minn mindu l-art ittiehdet mill-Gvern, ma nghataw l-ebda kumpens. F'kazijiet bhal dawn, l-ghoti ta' kumpens fi flus huwa mistenni. Ghalkemm, f'dan il-kaz, il-Qorti mhijiex qieghda tiddetermina l-kumpens materjali tal-valur tal-art mehuda (ghaliex din jixraq li tkun determinata fis-sedi xierqa u minnha jibbenefikaw ir-rikorrenti skont il-ligi fis-sehh illum), hija tqis li r-rikorrenti jisthoqqilhom kumpens morali ghall-ksur tal-jedd minnhom imgarrab. Meta qabblet il-fatturi kollha ewlenin (u li diga ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza), u zzid maghhom il-kejl tal-art mertu tal-kaz u d-dhul li minnu r-rikorrenti setghu gawdew li kieku l-art baqghet f'idejhom, u qabblithom ma' kumpensi*

*moghtija f'kawzi ohrajn, hija waslet ghal-likwidazzjoni tas-somma ta' ghoxrin elf euro (€20,000) favur ir-rikorrenti;*

"*Illi ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ssib li **l-ewwel talba tar-rikorrenti** dwar il-ksur tal-jedd taghhom taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija tajba u sejra tintlaqa';*

"*Illi, madankollu, ghar-ragunijiet u l-konsiderazzjonijiet li saru aktar 'il fuq, ghall-finijiet tat-**tieni talba attrici** ma ssibx li ghandha tordna r-rilaxx favur ir-rikorrenti tal-art milquta mid-Dikjarazzjonijiet, izda theggeg li l-process tal-hlas tal-kumpens u tal-kisba b'mod definittiv min-naha tal-Gvern jintemmu bla aktar dewmien jew tnikkir. Il-Qorti ma jidhrilhiex li l-Kummissarju intimat ghandu ghaliex jibqa' ma jihux il-passi tal-offerta tal-kumpens misthoqq lir-rikorrenti bl-iskuza li s-sidien tal-art mhumiex maghrufa, meta mill-atti ta' din il-kawza tressqu provi tajbin bizzejjed, fil-fehma tal-Qorti, biex din ic-cirkostanza tkun meghluba b'haqq ma' kull min ghandu interess;*

"*Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ghandha s-setgha li tordna li l-intimat Kummissarju tal-Artijiet iniedi minnufih il-process biex jaghmel dak li ghandu jsir biex jintemmu l-proceduri ghall-kisba tal-art mehuda minghand ir-rikorrenti b'titolu assolut kif iridu d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar dan sejra tipprovdi fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza;*

"*Illi, ghall-finijiet tat-**tielet talba attrici**, l-Qorti diga' waslet ghall-fehma li, fic-cirkostanzi tal-kaz u minhabba li r-rikorrenti ghadhom jistghu jiksbu kumpens xieraq f'sedi ohra, hija qieghda ssib li l-istess talba hija misthoqqa u qieghda tillikwida kumpens morali ghall-ksur tal-jedd imgarrab mir-rikorrenti fis-somma ta' ghoxrin elf euro (€20,000);*"

**<u>Rikors ta' Appell tal-Atturi</u>**

9. B'rikors tal-1 ta' Gunju 2015, l-atturi umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi:

[1] **Tikkonfermaha** in kwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati u kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimat

Kummissarju tal-Artijiet fil-mertu peress li ma humiex misthoqqa fid-dritt;

[2] **Tikkonfermaha** in kwantu laqghet l-ewwel talba tal-esponenti billi sabet li bit-tehid tal-art mertu tal-kawza appartenenti lill-esponenti huma garrbu ksur ta' jedd taghhom kif imhares bl-artikolu wiehed (1) tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

[3] **Tvarjaha** billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx li kien hemm ksur tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni izda li hemm ksur kemm tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u anke tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni liema ksur sar safejn jirrigwardja t-tehid tal-art in kwistjoni in toto jew in parte;

[4] **Tirrevokaha** in kwantu laqghet it-tieni talba tal-esponenti, u dan billi tigi milqugha fis-sens li tordna lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jirrilaxxja l-art mertu tal-kawza in toto jew in parte favur l-esponenti u f'kaz biss li ma tinghatax din l-ordni tigi konfermata bil-mod kif l-ewwel Qorti laqghet it-tieni talba tal-esponenti;

[5] **Tvarjaha** in kwantu laqghet it-tieni talba tal-esponenti u dan billi:

1. Tikkundanna lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet ihallas lill-esponenti dik is-somma materjali adegwata oltre dik morali, li tkun tirrifletti ammont gust ta' interferenza fit-tgawdija u

pacifiku possediment tal-art mertu tal-kawza kemm jekk din l-Onorabbli Qorti tordna r-rilaxx tal-art in toto jew in parte favur l-esponenti u kemm jekk le; jew

2. Fl-eventwalita` li ma jigix ordnat dan ir-rilaxx jigi stabbilit bhala rimedju kumpens gust u adegwat ai termini ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u ghal dan l-iskop jekk okkorrendo jkun hemm bzonn, l-atti tal-kawza jigu rinvjati ghal quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ghall-fissazzjoni ta' x'ghandu jkun dan il-kumpens.

[6] **Timmodifikaha** in kwantu laqghet it-talba ta' danni morali billi pero` tigi minflok iffissata somma akbar minn dik moghtija mill-ewwel Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull prova ohra li tista' titressaq in sede ta' appell fi stadju ulterjuri.

10. L-atturi jsejsu l-appell taghhom fuq tliet aggravji li, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti: **[1]** Li kien hemm lezjoni tad-drittijiet tal-atturi taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; **[2]** li l-espropriju kien priv mill-interess pubbliku u, anke jekk kienet tezisti xi utilita` pubblika, kien hemm sproporzjonalita` esagerata bejn din l-utilita` u l-*hardship* li sofrew u ghadhom qed isofru l-atturi; **[3]** li d-danni morali li tat l-ewwel Qorti

kienu baxxi wisq u l-istess Qorti kien messha wkoll dahlet fl-aspett tad-danni materjali opportuni. Huma jzidu li l-appell interpost mis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Finanzi, Ekonomija u Investiment u mill-Avukat Generali huwa frivolu u vessatorju gjaladarba huma gew dikjarati li mhumiex legittimi kontraditturi u gew mehlusin mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>Rikors tal-Appell tal-Konvenuti</u>**

11. Il-konvenuti wkoll appellaw mis-sentenza appelata b'rikors tat-3 ta' Gunju 2015, li permezz tieghu ghamlu referenza ghall-provi prodotti u irrizervaw li jgibu dawk il-provi l-ohra permessi skont il-ligi u wara li talbu l-konferma tal-partijiet segwenti tad-decide tas-sentenza appellata, u cioe`:

(a) l-ewwel parti tad-decide fejn illiberat lill-intimati Avukat Generali u s-Segretarju Permanenti;

(b) it-tieni parti tat-tielet parti tad-decide fejn ma sabitx ksur ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

(c) t-tieni parti tas-sitt parti tad-decide fejn l-ispejjez tal-kawza marbutin mal-Avukat Generali u s-Segretarju Permanenti ghandhom jithallsu mir-rikorrenti;

talbu t-thassir u r-revoka tas-segwenti partijiet tad-decide tas-sentenza appellata u cioe`:

(a) it-tieni parti;

(b) it-tielet parti unikament f'dik il-parti li tirrigwardja l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll;

(c) ir-raba' u l-hames parti; u

(d) s-sitt parti unikament fejn tirrigwardja l-parti dwar l-ispejjez li gie kundannat ihallas l-appellant Kummissarju tal-Artijiet;

12. Il-konvenuti jsejsu l-appell taghhom fuq tliet aggravji: **[1]** ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-dritt fundamentali protett permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea; **[2]** fic-cirkostanzi odjerni l-ewwel Qorti ma jmissix ordnat lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex fi zmien erba' xhur mid-data tas-sentenza jara li tigi esproprjata l-art b'titolu ta' xiri assolut u lanqas ma jmissha ikkundannat lill-Kummissarju tal-Artijiet li jhallas is-somma ta' Euro20,000 bhala kumpens ghall-vjolazzjoni subita; **[3]** l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-Kummissarju tal-Artijiet izda kellha tordna li l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-atturi.

13. Peress illi t-tieni aggravju tal-atturi u l-ewwel aggravju tal-konvenuti kif ukoll li t-tielet aggravju tal-atturi u t-tieni aggravju tal-konvenuti jittrattaw fuq l-istess materja, din il-Qorti ser tikkonsidrahom flimkien.

**<u>L-Ewwel Aggravju tal-Atturi</u>**

*<u>Verzjoni tal-Atturi</u>*

14. Permezz tal-ewwel aggravju taghhom, l-atturi jsostnu illi l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata meta irriteniet li ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet tal-atturi taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan in vista tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni.

15. Huma jsostnu li, kif irrikonoxxiet l-ewwel Qorti, l-art mertu tal-kawza regghet giet dikjarata mehtiega ghal skop pubbliku bil-valur ridikolu ta' sebghat elef Euro, u dan permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta fit-23 ta' Gunju 2006, minkejja li f'din id-dikjarazzjoni hemm referenza ghat-tehid tal-art bid-dikjarazzjoni tal-Gvernatur, u b'hekk l-effetti tal-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni gew innewtralizzati jekk mhux ukoll imxejna ghal kollox.

16. Skont l-atturi, lill-ewwel Qorti sfugga l-fatt li l-pubblikazzjoni tal-2006 saret b'konsegwenza ta' emendi ghall-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta, liema emendi gew fis-sehh fl-14 ta' Frar 2006, u li ghalhekk kien hemm bzonn li terga' tohrog dikjarazzjoni presidenzjali gdida in konformita` mal-emendi introdotti u konsegwentement l-ahhar dikjarazzjoni tal-President ta' Malta li saret ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta ma tgawdix mill-protezzjoni taht l-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni.

*<u>Verzjoni tal-Konvenuti</u>*

17. Min-naha l-ohra skont il-konvenuti dan l-ewwel aggravju li ressqu l-atturi ma jregix peress illi, kif irriteniet l-ewwel Qorti, m'hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li t-tehid tal-art sehh taht id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ligi kienet fis-sehh qabel Marzu tal-1962 u konsegwentement il-fatt li l-Kummissarju tal-Artijiet ghazel illi jezercita d-dritt tieghu li johrog dikjarazzjoni gdida dwar l-istess art skont id-dispozizzjonijiet transitorji tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta ma jbiddel xejn mill-fatt li l-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta hija ligi li taqa' fil-parametri tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni peress illi hija ligi li kienet fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962. Oltre minn hekk, il-konvenuti jghidu illi l-istess Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi wkoll

illi "*jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data*".

18. Il-konvenuti lanqas jaqblu mal-atturi li ma kien hemm l-ebda skop ghall-hrug mill-gdid ta' dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u spjegaw l-ghan wara l-hrug ta' din id-dikjarazzjoni gdida u rritenew illi l-Kummissarju tal-Artijiet sempliciment ghazel li jezercita d-dritt tieghu li johrog avviz gdid, kif isir f'kazijiet simili.

*<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>*

19. Fil-proceduri in prim istanza, l-atturi jsostnu, *inter alia*, illi huma sofrew lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom ikkontemplat taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-ewwel subinciz ta' dan l-Artikolu jippreskrivi s-segwenti:

> "***37.*** *(1) Ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm dispozizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist –*
>
> "*(a) Ghall-hlas ta' kumpens xieraq;*
>
> "*(b) Li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta` u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; u*

"*(c) Li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:*

"*Izda f'kazijiet specjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jaghmel fl-interess nazzjonali, b'ligi jistabblixxi l-kriterji li ghandhom jitharsu, maghduda l-fatturi u c-cirkostanzi l-ohra li ghandhom jitqiesu, biex jigi stabbilit il-kumpens li ghandu jithallas dwar proprjeta` li jittiehed pussess taghha jew li tigi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull kaz bhal dak il-kumpens ghandu jigi iffissat u ghandu jithallas skont hekk*."

20. Madankollu, is-subinciz (9) tal-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jeskludi l-applikabilita` tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni f'certu kazijiet. Dan l-artikolu, fil-fatt, jipprovdi kif gej:

"*(9) Ebda haga fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li minn zmien ghal zmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma -*

"*(a) Izzidx max-xorta ta' proprjeta` li jista' jittiehed pussess taghha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjeta` li jistghu jigu miksuba;*

"*(b) Izzidx mal-finijiet li ghalihom jew cirkostanzi li fihom dik il-proprjeta` jista' jittiehed pussess taghha jew tigi miksuba;*

"*(c) Taghmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt ghal kumpens jew l-ammont tieghu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjeta`; jew*

"*(d) Tipprivax xi persuna minn xi dritt bhal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (c) tal-artikolu 37 (1) ta' din il-Kostituzzjoni*."

21. Dan ifisser illi jekk ikun hemm it-tehid ta' proprjeta` li sar taht xi ligi li:

(a) Kienet fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962; jew li

(b) Giet fis-sehh fit-3 ta' Marzu 1962 jew wara din id-data li emendat jew issostitwixxiet xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 u li ma taqax taht il-parametri tas-subartikoli (a) sa (d) tal-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta,

dan it-tehid ma jistax jigi misjub anti-kostituzzjonali taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan ghaliex huwa mhares bl-Artikolu 47 (9) tal-istess Kostituzzjoni.[1]

22. Kif irriteniet l-ewwel Qorti, "*ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li t-tehid sehh taht id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta,*"[2] liema kapitolu ilu fis-sehh minn hafna snin qabel it-3 ta' Marzu 1962[3]. Lanqas m'hemm l-ebda kontestazzjoni li d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-23 ta' Gunju 2006 saret ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta, b'konsegwenza ta' emendi ghall-istess kapitolu li gew fis-sehh fl-14 ta' Frar 2006.

23. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi:

"*l-ebda wahda mill-premessi fir-Rikors promotur fil-kawza li l-Qorti ghandha quddiemha llum ma taqa' taht xi wahda mill-eccezzjonijiet mahsuba fl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u daqstant iehor l-ebda*

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2012 fl-ismijiet "Vica Limited v. Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali tar-Repubblika."

[2] Ara pagna 11 tas-sentenza appellata.

[3] Il-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt gie fis-sehh fit-8 ta' Ottubru 1935.

> *wahda minn dawk il-premessi jew mit-talbiet ma tattakka l-ligi nnifisha jew is-siwi tat-thaddim taghha. Dan ifisser ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, li l-Kostituzzjoni ma jistax jintlaqa' sewwasew minhabba li d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta li tahthom saret l-ordni tal-esproprju tal-art mertu tal-kaz huma mharsin mill-Kostituzzjoni nnifisha minn dak li jipprovdi l-artikolu 37 taghha.*"[4]

24. Din il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Skont is-subinciz (9) tal-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962, bhal ma hu l-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jistax jippekka kontra l-Artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni. L-istess jinghad ghal xi "*amending act*" jew "*substituting act*" maghmula f'dik id-data jew wara dik id-data purche` li tali att li hekk jemenda jew jissostitwixxi dik il-ligi ma jkunx jaghmel xi wahda mill-affarijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tal-imsemmi Artikolu 47 (9). M'hemm l-ebda dubju li d-Dikjarazzjoni tal-President tat-23 ta' Gunju 2006 saret ai termini ta' emenda ghall-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta li giet fis-sehh wara t-tlieta ta' Marzu 1962 izda l-atturi f'ebda hin ma indikaw li din l-emenda b'xi mod taghmel xi haga prevista fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47 (9)[5] u din il-Qorti ma hix tal-fehma li l-emenda imsemmija tinkwadra f'dak previst fil-paragrafi msemmija.

25. Ghalhekk d-dispozizzjonijiet tal-Kap. 88 li tahtu saret l-ordni tal-esproprjazzjoni *de quo* kif ukoll id-Dikjarazzjoni tal-President hawn fuq imsemmija huma kollha salvati bl-Artikolu 47(9) milli jiksru l-Artikolu

---

[4] Ara pagna 12 tas-sentenza appellata.

[5] Ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-10 ta' Lulju 2009 fl-ismijiet "*Dr. Rene' Frendo Randon et vs. Il-Kummissarju tal-Art et*."

37 tal-Kostituzzjoni. Isegwi li l-atturi ma jistghux javvanzaw il-pretensjonijiet kostituzzjonali taghhom a bazi ta' dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni.

26. Ghaldaqstant, dan l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

**<u>It-Tieni Aggravju tal-Atturi u l-Ewwel Aggravju tal-Konvenuti</u>**

*<u>Versjoni tal-Atturi</u>*

27. Permezz tat-tieni aggravju taghhom, l-atturi jilmentaw illi nkisru d-drittijiet fundamentali taghhom ikkontemplati taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll taht il-Protokoll Numru wiehed tal-Konvenzjoni Europea dwar il-Harsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

28. Skont l-atturi, dan huwa l-kaz principalment ghaliex ma kien hemm l-ebda "*interess pubbliku*" li ghalih ittiehdet l-art in kwistjoni u l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw tali "*interess pubbliku*," meta dik il-prova kienet tispetta lilhom. Huma jghidu li l-iskop ghat-tehid tal-art taghhom mill-Gvern kien wiehed vag u opak ghall-ahhar, ikkappeggjat mill-frazi "*Ghadira Scheme*", u ghalhekk isostnu illi din il-Qorti ghandha tifli l-provi prodotti sabiex tivverifika jekk huwiex minnu li l-art ittiehdet fl-"*interess pubbliku*".

29. L-atturi jzidu li anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, fl-1957 kien hemm ippjanat xi tip ta' progett bhall-bini ta' triq fuq l-art in kwistjoni, dan qatt ma gie attwat u anzi maz-zmien jidher li l-uniku skop li ghalih giet uzata parti mill-art in kwistjoni kien biex il-privat jinnegozja u jaghmel profitti minnha. L-atturi jsostnu illi d-dhul minn dan in-negozju qieghed igawdih unikament terz privat u l-Gvern m'hu qed jibbenefika xejn minnu hlief li l-Kummissarju intimat idahhal il-hlas nominali ta' Lm1 fis-sena ghall-parti fejn jitqieghdu l-umbrellel u mizata ohra irrilevanti tithallas lill-Awtorita` tat-Turizmu. F'dawn ic-cirkostanzi l-atturi jinsistu li minflok ma l-art tigi koncessa lil terzi sabiex dawn jispekulaw u jaghmlu profitti minnha din kellha tigi ritornata lill-atturi biex almenu jkunu huma, is-sidien tal-istess art, li jaghmlu tali qliegh.

30. L-atturi jkomplu jghidu illi l-interess pubbliku ghandu jibqa' jissussisti ghall-perjodu kollu tal-interferenza mill-Istat u jekk tali interess pubbliku jigi nieqes, tigi nieqsa wkoll il-bazi legittima ghal dik l-interferenza. Peress illi l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li bejn meta ttiehdet l-art bl-ewwel dikjarazzjoni u l-1974 qatt ma sar xejn u li minn dik id-data 'l quddiem jidher li minnha bdew joperaw interessi privati l-ewwel Qorti messha ikkonkludiet illi kien gie nieqes l-"*skop pubbliku*" ghat-tehid tal-art in kwistjoni.

31. Fi kwalunkwe kaz l-atturi anki jekk jigi ritenut li kien hemm xi utilita` pubblika f'dan kollu meta wiehed iqabbilha mal-*hardship* li sofrew l-atturi, fejn gie sfrattat kuntratt ta' kiri tal-art ghall-karavans, u ghadhom qed isofru l-atturi, hija wahda esageratament sproporzjonata, liema sproporzjonalita` tirrendi l-istess esproprijazzjoni bhala wahda nulla u illegali.

<u>*Verzjoni tal-Konvenuti*</u>

32. Il-konvenuti jissottomettu illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ikkonkludiet li fic-cirkostanzi odjerni s-sidien garrbu lezjoni tad-dritt taghhom kif protett permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea u dan ghar-ragunijiet li gejjin:

- l-esproprju sar skont il-ligi fl-interess pubbliku[6] peress li gie pruvat li l-art ittiehdet mill-Gvern bhala parti mill-"*Ghadira Scheme*" u l-ghan veru kien it-titjib tal-bajja u facilitajiet taghha ghall-pubbliku;

- mill-provi prodotti irrizulta li minkejja d-diversi talbiet li saru mill-Kummissarju tal-Artijiet, is-sidien ma fornewx it-titolu taghhom lill-Kummissarju u li effettivament kienet dina r-rezistenza da parti tas-sidien li wassal ghac-cirkostanzi odjerni.

---

[6] Huma jargumentaw illi fejn jidhol dak li jitqies bhala "*interess pubbliku*" l-Istat igawdi firxa wiesgha ta' diskrezzjoni u sakemm il-Gvern jipprova kif jixraq u ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hemm utilita pubblika fit-tehid tal-gid li jkun u sakemm l-ghan tat-tehid ma jithalliex biss bhala hsieb ipotetiku ta' htiega potenzjali, t-tehid fl-interess pubbliku ghandu jitqies li jkun ippruvat kif imiss.

33. Ghaldaqstant, il-konvenuti jissottomettu li dak li kellha tiddetermina l-ewwel Qorti kien jekk bl-interferenza tal-Istat fid-dritt ta' proprjeta`, is-sidien gewx rinfaccjati "*with a disproportionate and excessive burden*". Filwaqt li jaghmlu riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Inez Calleja et v. Kummissarju tal-Artijiet et** deciza fl-14 ta' Frar 2011, isostnu li l-allegazzjoni ta' lezjoni kellha semmai ssir wara li jigi stabbilit il-kumpens stante li ma setax jigi offrut kumpens minhabba l-fatt li kif inghad is-sidien qatt ma fornew il-prova tat-titolu lill-Kummissarju tal-Artijiet. Izidu illi l-ammont ta' kumpens offrut jista' jigi ikkontestat mis-sidien quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Artijiet.

34. Finalment il-konvenuti jirrilevaw illi mhux maghruf ghaliex l-atturi damu hamsa u tletin sena wara t-tehid originali tal-art sabiex jiehdu passi ghall-ghoti ta' rimedju quddiem il-Qrati.

*<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>*

35. Dak li din il-Qorti qed tigi mitluba tiddeciedi permezz tat-tieni aggravju tal-atturi u l-ewwel aggravju tal-konvenuti huwa principalment:

a. jekk kienx jezisti "*skop pubbliku*" ghat-tehid tal-art tal-atturi mill-1957 sal-lum; u

b. jekk kien jezisti dan l-iskop, jekk intlahaqx dak il-bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt fundamentali tal-atturi ghall-proprjeta` taghhom mehtieg kemm taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taht l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea.

*L-Ezistenza ta' Skop Pubbliku*

36. In vista tal-fatt illi l-ewwel aggravju li ressqu l-atturi gie respint, din il-Qorti m'hijiex ser tikkonsidra dak l-aspett ta' dan it-tieni aggravju tal-atturi fejn jirrigwarda l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ser tillimita ruhha ghal dak l-aspett ta' dan it-tieni aggravju li jirrigwarda l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea.

37. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti ghamlet analizi approfondita tal-kuncett ta' "*interess pubbliku*" jew "*skop pubbliku*" kif gie interpretat mill-Qrati Maltin kif ukoll mill-Qorti Europea matul iz-zminijiet u ghalhekk ma hemmx il-htiega li terga' tirrepeti dawk il-principji li jiggvernaw dan il-kuncett u dan ghaliex gia` gew spjegati korrettment u fid-dettal fis-sentenza appellata u f'diversi sentenzi ohrajn[7].

---

[7] Ara, per eżempju, s-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet "*Tarcisio Borg vs. Is-Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u l-Kummissarju tal-Artijiet;*" is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Dicembru 1993 fl-ismijiet "*Dr. Carmelo Vella et vs. Segretarju tad-Djar et*" kif ukoll dik moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Dicembru 1993 fl-ismijiet "*Carmelo Vella et vs. Segretarju tad-Djar.*"

38. Ghandu jkun bizzejjed li din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha tas-26 ta' April 2013 fl-ismijiet **Carmen mart Carmel Zammit et v. Kummissarju tal-Artijiet et** fejn il-Qorti osservat li in tema legali u fis-succint, din il-materja hija regolata mis-segwenti principji:

> "*[18] L-oneru tal-prova li l-espropriju sar fl-interess pubbliku jirrisjedi fuq l-Istat. Dan l-interess ghandu jibqa' jissussisti sal-mument li l-art tkun defenittivament ghaddiet f'idejn l-Istat bil-konkluzjoni tal-proceduri ta' esproprijazzjoni. L-interess pubbliku hu mmirat lejn il-generalita` u marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` qed tintuza, u dan indipendentement minn jekk dik l-attivita` tkunx maghmula minn awtorita` pubblika; ma jista' qatt jirreferi ghall-interess essenzjalment privat, u l-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghal generalita` tac-cittadin, tal-universalita` tal-pubbliku fl-Istat. Mill-banda l-ohra pero` il-fatt li terz privat, individwu, jibbenefika ukoll mill-esproprijazzjoni jew ikun involut b'xi mod fit-thaddim anke jekk bi profitt ghalih, ta' progett li jkun fl-interess pubbliku u li jkun jirrikjedi esproprijazzjoni ta' art jew possediment iehor, ma jfissirx necessarjament li dik l-esproprijazzjoni ma tkunx saret fl-interess pubbliku. L-interess pubbliku jinkludi kull aspett tal-hajja socjali tal-pajjiz, inkluz skop kulturali. Dan l-iskop, socjali jew kulturali jolqot firxa differenti ta' nies, anke jekk ikun hemm persuni li ma jinteressawx ruhhom f'attivitajiet ta' din ix-xorta.*"

39. Ghalhekk, il-fatt wahdu li l-art tal-atturi jew parti minnha wara li ttiehdet minn ghandhom mill-Gvern intuzat ghal skopijiet kummercjali li iggeneraw profitti lil terzi ma jfissirx b'daqshekk li dak it-tehid ma sarx ghal skop pubbliku, kif donnhom jimplikaw l-atturi[8]. Lanqas ma jfisser li l-esproprijazzjoni ma saritx fl-interess pubbliku jew ghal skop pubbliku sempliciment minhabba l-fatt li l-Gvern m'hux jaghmel profitt finanzjarju minnha.

[8] Ara fols 181, 203, 219, 222, 223, 226, 234, 242, 401, 403, 444 tal-process.

40. Hekk fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet **John Mousu et v. Direttur tal-Lottu Pubbliku et** kif ukoll fis-sentenza taghha tal-11 ta' April 2006 fl-ismijiet **Maria Stivala v. Direttur tal-Lottu Pubbliku** inghad li:

> "*Ma jistax jigi eskluz li jkun hemm sitwazzjonijiet fejn art tittiehed minghand persuna biex tinghata lil persuna ohra u dan ikun fl-interess pubbliku. Dan jista' jsehh f'kuntest ta' promozzjoni ta' gustizzja socjali bhal ma gie rikonoxxut mill-Qorti Europea fil-kaz James vs. U.K. (1986)…*"

41. Hekk ukoll fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. Avukat Generali** gie ritenut li:

> "*… ma jfissirx li l-proprjeta` privata ma tistax tittiehed anke biex jigu promossi (anke jekk mill-privat) attivitajiet kummercjali li jkunu direttament, jew forsi anke indirettament, fl-interess pubbliku*."[9]

42. Fis-sentenza tal-Qorti Europea fl-ismijiet **James and others v. United Kingdom**[10] il-Qorti Europea wkoll enuncjat dan il-principju:

> "*… the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending on circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest.*"

u kompliet tirritjeni li:

---

[9] Ara wkoll Q. Kost. Carmen Zammit et v Kummissarju tal-Artijiet et, 26/4/2013; Q. Kost. Mario Cutajar noe. v Kummissarju tal-Artijiet et, 30/11/2001; Q. Kost. Emanuel Vella pro. et noe. v Kummissarju tal-Artijiet et, 27/3/2003

[10] 21/2/1986, #40

> "*The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment be manifestly without reasonable foundation.*"[11]

43. Mill-analizi tal-provi prodotti irrizulta bic-car illi l-ghan tat-tehid tal-art tal-atturi jew parti minnha kien it-titjib tal-bajja u l-facilitajiet taghha ghall-pubbliku[12] u dan fi zmien meta l-htiega ta' tisbih tal-pajjiz kien qieghed jigbed l-attenzjoni tal-amministrazzjoni pubblika anki ghall-promozzjoni tal-pajjiz bhala destinazzjoni turistika minhabba l-impatt pozittiv li seta' jkollu, u rrizulta li kellu, t-turizmu fuq l-izvilupp ekonomiku ta' Malta. Din il-Qorti, ghalhekk, ma taqbel xejn li l-iskop ghat-tehid tal-istess art mill-Gvern kien wiehed vag u opak[13] jew li t-tehid tal-istess art jista' jitqies li huwa "*manifestly without reasonable foundation*" u li konsegwentement ma kienx hemm skop pubbliku ghat-tehid tal-istess art. Din il-Qorti tikkonvidi pjenament dak ritenut mill-ewwel li:

> "*Dak it-tehid kien marbut mal-uzu li kellu jsir tar-ramla pubblika popolari hafna b'access ghall-pubbliku in generali. Il-Qorti tifhem li t-tishih ta' infrastruttura mahsuba ghall-uzu mill-pubbliku tal-facilitajiet tal-ghawm huwa fih innifsu ghan rilevanti ta' xejra pubblika, minbarra l-effetti ewlenin li dan ihalli fil-qasam tal-industrija tas-servizzi marbuta ma' t-turizmu u t-tkabbir ekonomiku tal-pajjiz. Minbarra dan, it-tehid fl-interess pubbliku johrog ukoll fejn art tittiehed bla ma tkun zviluppata, b'mod partikolari fejn l-ghan tat-*

---

[11] supra #46; Ara wkoll ECHR Immobiliare Saffi v Italy, 28/7/1999; Jahn and others v Germany, 30/6/2005; Fleri Soler v Malta, 26/9/2006;
[12] Ara fols 187, 205, 244, 249, 256, 257, 266, 321, 347, 363, 368, 369, 378, 379, 383, 406, 414 tal-process.
[13] Ara fol 507 tal-process.

*tehid ikun wiehed mahsub li jhares l-ambjent originali jew izommu f'kundizzjoni pristina.*"[14]

44. L-esproprijazzjoni *de quo* hija ghalhekk intiza biex tassigura l-attwazzjoni ta' zvilupp socjali, ekonomiku, turistiku kif ukoll ambjentali fl-interess tal-kollettivita` konsonanti mal-valuri irikonoxxuti f'socjeta` demokratika.

45. In sostenn ta' dan l-aggravju l-atturi issottomettew li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li bejn meta ttiehdet l-art bl-ewwel dikjarazzjoni fl-1957 u l-1974 qatt ma sar xejn da naha tal-Gvern bl-art in kwistjoni u minn meta l-art ittiehdet lura mill-atturi sal-1974 l-interess pubbliku ma kienx jezisti.

46. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tosserva li l-fatt li progett ikun ghadu ma immaterjalizzax minkejja t-trapass taz-zmien, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-espropriju ma jkunx sar fl-interess pubbliku, ghax jista' jkun hemm fatturi li jispjegaw u jiggustifikaw dan id-dewmien. Inoltre, kif gia` ritenut minn din il-Qorti,

"*Mhux eskluz li proprjeta` tigi esproprijata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita` partikolari fil-kuntest tal-izvilupp partikolari taz-zona, jew biex taghti lok, per ezempju, ghall-espansjoni futur tal-istess progett.*"[15]

---

[14] Pagna 16 tas-sentenza appellata.
[15] Q. Kost. Pawlu Cachia v Avukat Generali, 28/12/2001

47. Mill-provi prodotti, din il-Qorti hija perswaza illi l-interess pubbliku ghat-tehid tal-art in kwistjoni kien jezisti sa mid-data meta ttiehdet mill-atturi fl-1957 sal-gurnata tal-lum.

*In-Nuqqas ta' Proporzjonalita` bejn l-Interess Pubbliku u d-Dritt tal-Atturi ghall-Proprjeta`*

48. Permezz tat-tieni aggravju taghhom, l-atturi jargumentaw ukoll illi anke jekk kellu jigi koncess illi hemm xi utilita` pubblika fit-tehid tal-art taghhom, meta dan jigi mqabbel mal-*hardship* li sofrew u ghadhom qed isofru l-atturi hemm sproporzjon esagerat li jirrendi l-esproprju null u illegali.

49. Huwa ormai stabbilit li f'materja ta' tehid forzat ta' proprjeta` jinhtieg li jinzamm bilanc bejn l-interess privat u l-interess generali.[16]

50. Il-fatt li s-sidien tal-proprjeta` li giet esproprijata ma jkunux thallsu kumpens meta ttiehdet il-proprjeta` jew ikun hemm dewmien kbir fl-gheluq tal-process ghall-hlas ta' tali kumpens huwa fattur determinanti ghall-Qorti meta tigi biex tqis jekk ikunx inzamm bilanc bejn l-interess privat u dak generali.

[16] Ara fost ohrajn Q. Kost. Peter Azzopardi noe. v Kummissarjuj tal-Artijiet et, 11/11/2011, #34; Dr David Tonna et v Kummissarju tal-Artijiet, 3/3/2011; Q. Kost. John Caruana et v Kummissarju tal-Artijiet, 31/10/2014, #22; ara wkoll ECHR Pincova and Pinc v The Czech Republic, 5/11/2002, #52; ECHR "*Hutten-Czapska v Poland*", 19/6/2006, #167.

51. Peress illi l-atturi ma thallsux kumpens meta ttiehdet il-proprjeta` taghhom fl-1957 u ghadhom sal-gurnata tal-lum minghajr l-ebda kumpens ghall-proprjeta` taghhom li giet esproprjata mill-Gvern[17], din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni li wasslet ghaliha l-ewwel Qorti illi kien hemm tassew piz sproporzjonat fuq l-atturi ghall-finijiet tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea u dan minhabba d-dewmien esagerat fil-process biex jithallas il-kumpens u jsir it-trasferiment ahhari tat-titolu tal-art in kwistjoni. L-atturi mhux biss kienu imcahhdin ghal kollox minn kull sura ta' kumpens li kien jisthoqqilhom ghall-esproprijazzjoni tal-art taghhom izda kienu wkoll imcahhdin minn kwalunkwe dhul mill-uzu tal-imsemmija art.

52. Din il-Qorti ghalhekk ma taqbilx mal-konvenuti li l-allegazzjoni ta' lezjoni kellha semmai ssir wara li jigi stabbilit il-kumpens u dan minhabba l-fatt li ma setax jigi offrut kumpens peress li l-istess sidien qatt ma fornew il-prova tat-titolu lill-Kummissarju tal-Artijiet.

53. Huwa dmir tal-Kummissarju li jiehu dawk il-proceduri opportuni biex jassigura li l-kaz jimxi bid-debita celerita` u kif osservat il-

---

[17] Ara fols 396, 425 tal-process.

Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Frendo Rando et v. Kummissarju tal-Art et** deciza fl-4 ta' Frar 2000[18]:

> "*… jinkombi (fuq) l-Kummissarju tal-Art li jistabbilixxi (min huma) s-sidien tal-art u li jaghmel dak kollu necessarju sabiex dawn jigu notifikati u l-proceduri jipprosegwu regolarment. Ghalhekk mhux skuzanti ghall-Kummissarju tal-Art li jghid li l-atturi naqsu li jipprovdu l-informazzjoni mehtiega dwar it-titolu taghhom. Inoltre jigi osservat li l-ligi (Kap. 88) ma tippermetti ebda skuza ghal dewmien ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq …*"

54. Madankollu, din il-Qorti taqbel ma' dak ritenut mill-ewwel Qorti li l-fatt li kien biss wara bosta snin li l-atturi talbu lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jersaq ghal-likwidazzjoni tal-kumpens u baqghu ma nqdewx bil-procedura biex jitolbu lill-Qorti tordna lill-intimat biex jibda l-process tal-hlas tal-kumpens u x-xiri tal-art huwa fattur li kellu jittiehed qies tieghu ghall-fini li jigi kalibrat l-ammont ta' kumpens morali misthoqq.

55. Kif osservat din il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Frendo Randon**:[19]

> *"Kif gie rilevat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha "Paul Fenech vs Kummissarju tal-Artijiet", deciza fl-20 ta' Frar 2009, f'kazijiet bhal dak odjern kien jezisti rimedju ordinarju, fejn sid l-art jistitwixxi proceduri civili fejn jitlob lill-Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih, il-Kumissarju tal-Artijiet irid jagixxi biex ikompli l-procedura tal-esproprjazzjoni. Ghalkemm ir-rikorrenti appellanti utilizzaw dan ir-rimedju biss fl-1996, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li huma kellhom jaghmlu uzu minn dan ir-rimedju ghexieren ta' snin qabel, u kieku ghamlu hekk, forsi li d-dewmien f'dan il-kaz kien jonqos*

---

[18] Citata b'approvazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża Dr. Rene' Frendo Randon et v Kummissarju tal-Art et 10/7/2009, #61

[19] Q. Kost. "Dr. Rene' Frendo Randon et vs. Il-Kummissarju tal-Art et.", 10/7/2009, #62

*konsiderevolment. Konsegwentement, fil-likwidazzjoni tad-danni morali, ghandu jittiehed ukoll kont tal-fatt li r-rikorrenti appellati jahtu wkoll f'certu sens, ghalkemm b'mod limitat hafna, ghal dan id-dewmien ghaliex ghal snin shah naqsu li jutilizzaw rimedju ordinarju disponibbli ghalihom."*

56. Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-tieni aggravju tal-atturi u l-ewwel aggravju tal-konvenuti qed jigu respinti.

**<u>It-Tielet Aggravju tal-Atturi u t-Tieni Aggravju tal-Konvenuti</u>**

*<u>Versjoni tal-Atturi</u>*

57. Permezz tat-tielet aggravju taghhom, l-atturi jilmentaw mill-ammont tad-dani morali ordnati mill-ewwel Qorti li jidhrilhom kien wiehed baxx u jsostnu li kien messha wkoll dahlet fl-aspett tad-danni materjali kemm f'termini ta' telf soffert u anke valur kummercjali tal-art mehuda fl-eventwalita` li ma jkunx ordnat ir-rilaxx tal-art jew parti minnha.

58. Fost il-konsiderazzjonijiet li kellha taghmel l-ewwel Qorti in kwantu ghad-danni rejali jew materjali sofferti minnhom l-atturi jsemmu is-segwenti:

a. l-fatt li bid-dikjarazzjoni tat-tehid tal-art ghal skopijiet pubblici gie sfrattat ftehim kummercjali li ntlahaq fl-1954 sabiex l-

atturi jutilizzaw l-art ghall-kiri ta' "*Caravan site*" versu ammont ta' hlas li dak iz-zmien kien wiehed konsiderevoli u ghalhekk ghandhom jinghataw kumpens ghall-perjodu almenu 17-il sena;

b. mill-1974 'l quddiem ma kien hemm l-ebda skop pubbliku izda parti mill-art inghatat lil terza persuni b'titolu ta' enfitewsi;

c. kellu jigi approfondit mill-ewwel Qorti l-valur rejali tal-art in kwistjoni peress li l-valur li wasal ghalih il-perit la jirrifletti l-valur rejali tal-art in kwistjoni fl-2003 u lanqas fl-2005 izda jirrifletti l-valur tal-art fl-1957;

d. l-ewwel Onorabbli Qorti kellha unikament thares lejn l-inattivita` u mankanza assoluta tal-Istat fl-esproprju tal-art in kwistjoni milli jhares il-proceduri kollha kif jiddisponi il-Kap. 88 minghajr ma tqis id-dewmien da parti tal-atturi biex jaghmlu xi xorta ta' kawza biex iharsu l-interessi taghhom bhala xi fattur kontributorju;

e. Wara l-emenda promulgat bl-Att XI tas-sena 2002, l-Istat kompla jibqa' inadempjenti billi qatt ma iddepozita u innotifika lir-rikorrenti b'tali depozitu sabiex huma jkunu jistghu jadixxu l-Bord ghall-fissazzjoni ta' kumpens xieraq iktar minn dak depozitat.

f. l-intimazzjonijiet li saru minnhom huma bizzejjed biex lill-Kummissarju tal-Artijiet jqeghduh f'mora sa fejn kien jirrigwarda l-

obbligi tieghu taht il-ligi u dan huwa bizzejjed biex il-Kummissarju tal-Artijiet iwiegeb bis-shih ghall-kumpens morali u anke ghad-danni materjali.

*Versjoni tal-Konvenuti*

59. Il-konvenuti jaghmlu riferenza ghal zewg sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Carmel Zammit et v. Kummissarju tal-Artijiet et**[20] u **JCR Limited v. Kummissarju tal-Artijiet**[21] sabiex isostnu li mhuwiex il-kompitu tal-Qorti Kostituzzjonali li tistabilixxi l-valur tal-art agrikola tal-atturi u li tillikwida d-danni materjali sofferti mill-atturi.

60. Il-konvenuti jirreferu wkoll ghad-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Major Peter Manduca v. L-Onorevoli Prim Ministru**[22] u jsostnu illi fic-cirkostanzi tal-kaz, jekk tigi kkonfermata l-lezjojni tad-drittijiet fundamentali tal-atturi, dikjarazzjoni ta' lezjoni ghandha tkun rimedju sufficjenti, tenut kont ta' dak ritenut mill-ewwel Qorti (b'riferenza ghan-nuqqas ta' tehid ta' passi gudizzjarji xierqa minn naha tar-rikorrenti) li "... *qajla ttiehdu passi ohrajn konkreti biex l-ispropozjon li r-rikorrenti jghidu li garrbu jkun rimedjat b'mod effettiv*".

[20] Q. Kost. 26/4/2013

[21] P.A. (Kost) 30/11/1998 konfermata mill-Q.Kost. 2/11/2001

[22] 23/1/2005

61. Il-konvenuti jzidu illi r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti li jigi iffissat terminu ghall-akkwist da parte tal-Kummissarju tal-Artijiet tal-proprjeta` tal-atturi mhuwiex rimedju gust peress li tali rimedju seta' ntalab quddiem il-Qrati Civili ordinarji b'azzjoni specifika li l-istess atturi ma utilizzawx ghar-ragunijiet taghhom. Ghalhekk mhux gust li l-atturi jinghataw l-istess rimedju li kien disponibbli ghalihom permezz ta' kawza civili ordinarja.

62. Ghal dak li jirrigwarda r-rimedju fejn l-ewwel Qorti ordnat lill-Kummissarju sabiex jakkwista l-art b'titolu ta' xiri assolut, il-konvenuti jirrilevaw li dan ukoll mhux rimedju gust stante li l-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi diversi forom ta' tehid u ghalhekk tali ghazla ghandha tibqa' f'idejn il-Kummissarju tal-Artijiet, li jiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni meta jiddeciedi b'liema modalita` jkun ser jakkwista l-proprjeta` fl-interess pubbliku.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

63. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Pawlu Cachia v. Avukat Generali**[23]:

> "*Wiehed ghandu jifhem li meta kienet originarjament promulgata l-Ordinanza Dwar it-Tehid tal-Art ghal Skop Pubbliku tramite il-*

[23] Sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Pawlu Cachia v. Avukat Generali** fit-28 ta' Dicembru 2001.

> *procedura tal-esproprijazzjoni, il-legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess u d-disponibilita` tal-proprjeta` biex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprijata, imma wkoll ghal process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke bit-twaqqif ta' tribunal kwazi gudizzjarju b'kompetenza teknika in materja. Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex il-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin u xi darba jhallas kumpens.*"

64. Peress illi mill-provi prodotti jirrizulta bic-car illi l-atturi kellhom igorru "*a disproportionate and excessive burden,*" b'mod li l-piz li kellhom igorru tul dawn is-snin kollha kien sproporzjonat ghall-ghan legittimu tal-espropriju, u dan principalment minhabba l-fatt li l-art tal-atturi giet esproprijata u huma ghadhom sal-lum minghajr ebda kumpens ghat-tehid tal-istess art, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, tirraviza lezjoni tad-dritt fundamentali tal-atturi taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. L-atturi ghalhekk ghandhom id-dritt li jigu kumpensati ghal din il-lezjoni.

65. Madankollu, din il-Qorti ma taqbilx li l-ewwel Qorti "*messha ukoll dahlet fl-aspett tad-danni materjali opportuni, kemm f'termini ta' telf soffert u anke valur kummercjali tal-art mehuda fl-eventwalita` li ma jkunx ordnat ir-rilaxx tal-art jew parti minnha*".[24]

66. Kif osservat l-ewwel Onorabbli Qorti, "*f'dan il-kaz, il-Qorti mhijiex qeghdha tiddetermina l-kumpens materjali tal-valur tal-art*

[24] Fol. 508 tal-process.

*mehuda (ghaliex din jixraq li tkun determinata fis-sedi xierqa u minnha jibbenefikaw ir-rikorrenti skont il-ligi fis-sehh illum)…*".[25]

67. Id-danni materjali huma regolati bl-Artikolu 12 (3) tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk, peress li l-kumpens materjali tal-valur tal-art huwa determinabbli, u hu xieraq li jigi determinat, skont kif previst fil-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kumpens dovut ghandu jkun limitat ghal-lezjoni tad-dritt konvenzjonali u kostituzzjonali subita mill-atturi, filwaqt li jibqghu impregudikati d-drittijiet tal-atturi ghal kumpens u l-imghaxijiet legali taht l-imsemmi Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

68. Fir-rigward tal-ilment li jressqu l-atturi fir-rikors tal-appell taghhom fir-rigward tal-kwantum tad-danni morali li gew akkordati lill-atturi mill-ewwel Qorti, din il-Qorti hi tal-fehma li ghad-determinazzjoni tal-kumpens huma relevanti s-segwenti fatturi:

a. Il-fatt li l-atturi thallew fi stat ta' incertezza dwar il-proprjeta` taghhom ghal zmien konsiderevoli [tmienja u hamsin (58) sena wara li nharget id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Generali li l-art tal-atturi kienet sejra tittiehed b'titolu assolut];

b. Il-fatt li tul dan iz-zmien kollu l-atturi kienu mcahhda ghal kollox minn kull sura ta' kumpens jew dhul mill-uzu tal-imsemmija

[25] Pagna 19 tas-sentenza appellata.

art, ladarba l-uzu wkoll ittiehed bis-sahha tal-imsemmija dikjarazzjoni;

c. Il-fatt li ma sar ebda uzu da parti tal-Istat tal-art in kwistjoni bejn l-1957 u l-1974;

d. Il-fatt li l-konvenuti qatt m'offrew ebda kumpens ghall-interferenza fid-dritt fundamentali tal-atturi protett fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni mis-sena 1957 sas-sena 2006, jigifieri ghal 49-il sena;

e. Il-kejl tal-art mertu tal-kaz;

f. Min-naha l-ohra, ghandu jittiehed kont tat-tul ta' zmien li l-atturi hallew jghaddi qabel ma ddecidew li jistitwixxu dawn il-proceduri fit-12 ta' Jannar 2009. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Josephine Mary Vella v. Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjeta` et:** [26]

> "*… id-dewmien biex ir-rikorrenti tiehu passi biex tibda dawn il-proceduri ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fit-tnaqqis tal-ammont tal-kumpens li ghandu jinghata*."

g. Peress li ma tressqet ebda stima tal-valur tal-art *de quo*, hlief dik ta' Lm7,000 maghmula mill-Perit tal-Gvern – il-Perit Joseph Mizzi – u li tinsab indikata mad-Dikjarazzjoni tal-President

[26] 25/5/2012; ara wkoll Q. Kost. Carmen Zammit et v Kummissarju tal-Artijijet et, 26/4/2013; Q. Kost. Guża Gauci et v Kummissarju tal-Artijiet, 27/2/2015

ippubblikata fit-13 ta' Lulju 2006, il-kumpens ser ikun relatat ma' dan il-valur.

69. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li f'dan il-kaz ghandha taghti rimedju ghad-dannu mhux pekunjarju ghal-lezjoni subita mill-atturi, u hi tal-fehma li l-ammont ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) moghti mill-ewwel Qorti bhala kumpens ghal-lezjoni konvenzjonali u kostituzzjonali subita mill-atturi huwa wiehed xieraq u gust mehud in konsiderazzjoni l-fatturi premessi.

70. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li tressqet mill-konvenuti fir-rikors tal-appell taghhom li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti li jigi iffissat terminu ghall-akkwist da parte tal-Kummissarju tal-Artijiet tal-proprjeta` tal-atturi mhuwiex rimedju gust fic-cirkostanzi ghaliex skont l-istess konvenuti tali rimedju seta' jintalab quddiem il-Qrati Civili ordinarji b'azzjoni specifika ghal fissazzjoni ta' terminu. L-atturi ilhom zmien twil imcahhdin mill-art taghhom, u dan minghajr ma thallsu l-ebda ammont ta' kumpens ghaliha, u ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi dan ir-rimedju li gie moghti mill-ewwel Qorti huwa wiehed gust u indikat fic-cirkostanzi.

71. Din il-Qorti lanqas ma taqbel ma' dak sottomess mill-konvenuti illi r-rimedju provdut mill-ewwel Qorti li bih ordnat lill-

Kummissarju sabiex jakkwista l-art b'titolu ta' xiri assolut mhuwiex rimedju gust fic-cirkostanzi minhabba li l-ghazla ghandha tibqa' f'idejn il-Kummissarju tal-Artijiet. Id-dikjarazzjoni maghmula mill-Gvernatur fit-18 ta' Frar 1957 stess tipprovdi, *inter alia*, illi "*l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolut*".[27] Id-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta maghmula fit-13 ta' Lulju 2006 ukoll tirreferi ghall-fatt illi skont l-imsemmija dikjarazzjoni maghmula mill-Gvernatur fit-18 ta' Frar 1957 l-akkwist tal-art tal-atturi kellu jkun b'xiri assolut.[28] Ghaldaqstant, ma jistax jinghad illi l-ghazla tal-forma tat-tehid ghandha tibqa' f'idejn il-Kummissarju tal-Artijiet u dan ghaliex il-modalita` tat-trasferiment gia` gie stabbilit kif inghad fit-18 ta' Frar 1957 mill-awtoritajiet kompetenti.

72. Ghaldaqstant, it-tielet aggravju tal-atturi u t-tieni aggravju tal-konvenuti huma infondati u qed jigu respinti fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

**<u>It-Tielet Aggravju tal-Konvenuti</u>**

73. Permezz tat-tielet aggravju taghhom, il-konvenuti jargumentaw illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet izda ghandhom jithallsu mill-atturi.

[27] Ara fol 32 tal-process.
[28] Ara fol 45 tal-process.

74. F’dan ir-rigward, din il-Qorti tosserva illi skont l-Artikolu 223 (1) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili “*kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez*”. U ghalhekk l-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif gia` decizi mill-ewwel Qorti.

75. Fir-risposta tal-appell taghhom, l-atturi jargumentaw illi l-appell interpost mis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Finanzi, Ekonomija u Investiment u l-Avukat Generali huwa frivolu u vessatorju gjaladarba huma gew dikjarati li mhumiex legittimi kontraditturi u gew mehlusin mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti taqbel ma’ dan u ser taghti l-provvediment sottoskritt f’dan ir-rigward.

**Decide**

76. Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad kemm l-appell tal-atturi kif ukoll l-appell tal-konvenuti u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata b’dan li l-perjodu ta’ 4 xhur moghti mill-ewwel Qorti sabiex il-Kummissarju tal-Artijiet jaghmel dak li ghandu jsir biex jintemmu l-proceduri ghall-kisba tal-art mehudam inghand ir-rikorrenti b’titolu assolut ghandu jibda jiddekorri mid-data ta’ din is-sentenza.

In kwantu ghall-ispejjez, dawk tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata waqt li dawk tal-appell tal-atturi jithallsu mill-istess atturi solidalment bejniethom u dawk tal-appell tal-konvenuti jithallsu mill-istess konvenuti solidalment bejniethom b'dan li l-appellanti Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Finanzi, Ekonomija u Investiment u l-Avukat Generali ghandhom ihallsu lill-atturi spejjez doppji peress li l-appell taghhom qieghed jigi ritenut frivolu u vessatorju.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df